

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

OTTUBRU 2007 – IS-27 SENA – GHADD 273 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **Inxandru minn fuq il-bjut!**
Editorjal

4 **Gerusalem fis-Salmi**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Ordinazzjoni Presbiterili**
minn P. Ivan Scicluna OFMCap

11 **Appostolat tat-Talb**

12 **Missjoni**
minn Mons. Francis Baldacchino,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

13 **Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Ġurnata Missjunarja Dinjija**

14 **Kif Inkitbu l-Evanġelji (7)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

16 **Is-sejħa fl-Ordni Franġiskan Sekular**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

18 **Is-Sataniżmu**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **It-Tarka u x-Xabla**
minn Dr Tonio Piscopo MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

20 **Tifkira ta' Anselmu Bartolo OFMCap 1932 – 2007**
minn Fr Martin Micallef OFMCap,
Segretarju u Arkivista Provinċjali

23 **Il-Konvenju**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

24 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

25 **Poeżija/Limerikki**

26 **Novella**
minn Emily Barbaro Sant

28 **Il-Papa Benedittu Paradoss?**
minn Tony C Cutajar

29 **Kuba**
minn Patri Philip Cutajar, Missjunarju Kapuċċin f'Kuba

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Inħobb l-Istejjer**



**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**




*Qoxra:*
**San Franġisk t'Assisi, skond il-Fioretti, irtirat f'għar marid u għajjien minħabba s-sawm qed ikkonfortat minn anġlu jdoqqlu l-vjolin. Pittura fuq it-tila xogħol ta' Giuseppe Marchesi, Bologna 1699-1771, Italja.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2007
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# INXANDRU MINN FUQ IL-BJUT!

**Il-fidi Nisranija anki f'art twelidna donnha miexja bit-tlikki tlikki. Jeżisti ċertu tqanżiħ fl-għajxien tagħha. Dan joħroġ ċar mill-mod ta' kif il-knejjes tagħna jkunu mballati f'ċerti okkażjonijiet u pjuttost battala f'oħrajn. Jinħass anki mill-mod kif fil-knisja waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi nitolbu mod imbagħad meta rajna jkun f'idejna nagħmlu fattina.**

Din il-qagħda tal-biki u qarrieqa tal-fidi tagħna jeħtieġ li tiġi ndirizzata llum qabel għada. Ġesù nnifsu juri d-diżappunt u l-uġigħ ta' qalbu quddiem din is-sitwazzjoni ta' qsim il-qalb: **"Nar ġejt nitfa' fl-art, u x'irrid iżjed jekk diġà qabad?"** (Lq 12:49). Fejn hi l-ħeġġa tagħna għall-Mulej? Fejn hi l-viżjoni li konna naraw? Tgħid ċajparnieha jew ħallejnieha tgħib fid-duħħan oħxon tad-dubju u ta' l-inkwiet żejjed tagħna għall-ħwejjeġ li jintemmu mal-qabar?

Id-dwejjaq, il-frustrazzjoni u n-nervi li ntlejna bihom qegħdin iwassluIna messaġġ: ejjew nerġgħu għalli konna. Il-Mulej qiegħed jistedinna: **"Erġgħu lura, erġgħu lura minn triqatkom il-ħżiena: għaliex tridu tmutu...?"** (Eżek 33:11). L-għażla hija f'idejna jekk irridux ngħixu jew immutu.

Għal dawk fostna li għamlu esperjenza diretta u qawwija ta' Ġesù Kristu għax semgħuh b'widnejhom, rawh b'għajnejhom, sammru l-ħarsa ta' ħajjithom fuqu u missewh b'idejhom (1Ġw 1:1) ma jistgħux jibqgħu friski bħal ħassa u ma jitkellmux fil-beraħ fuqu. Iridu jifhmu r-responsabbiltà kbira li għandhom: **"Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju"** (1Kor 9:16). Anki jekk ta' bnedmin li huma jinħakmu minn xi daqqiet mill-indifferenza u mill-kultura ta' kollox jgħodd, xorta għandhom jitfħu qalbhom u ħalqhom quddiem din is-sitwazzjoni qerrieda. Il-profeta Ġeremija li għadda mill-istess esperjenza stqarr: **"U għidt: 'Ma rridx naħseb fih iżjed, ma nitkellimx aktar f'ismu.' Imma sar bħal nar jaħraq f'qalbi, magħluq ġo għadmi; għajjejt inżommu, ma niflaħx għalih"** (Ġer 20:9).

Il-Kelma ta' Alla għax hi s-sewwa, tiskomodana. Fi kliem l-Papa Ġwanni Pawlu II **"Dawk li ġew f'kuntatt ma' Kristu ma jistgħux iżommuh għalihom infushom, imma jxandruh"** (Novo Millennio Ineunte, 40). Meta ngħixu s-sejħa partikulari tagħna, naqsmu l-Kelma u t-talb ma' l-oħrajn, nieqfu ma' dawk li jeħtieġu l-għajnuna tagħna bi kliemna u ħajjitna, u nieħdu sehem sħiħ bħala Knisja waħda fix-xandir ta' l-Evanġelju nkunu qed inġibu fis-seħħ kelmet Ġesù:

**"Dak li ngħidilkom f'widnejkom, xandruh minn fuq il-bjut"** (Mt 10:27).

Ejjew ngħollu leħenna b'ħajja mogħtija lil Kristu, li hu biss hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja (ara Ġw 14:6). •

# ĠERUSALEMM FIS-SALMI



F'xi wħud mis-Salmi tissemma ħafna il-belt ta' Ġerusalemm bi kliem ta' tifħir għaliha u b'talb għar-rebħa tagħha. Kif nista nitlob jien ukoll għall-belt ta' Ġerusalemm b'dawn is-Salmi?



Fost is-salmi għandna l-kollezzjoni ta' dawk li jsejħulhom **"Salmi ta' Sijon"** jew ta' Ġerusalemm. Sijon hi isem ieħor għal Ġerusalemm. Imma ġeografikament, hu biss l-isem ta' parti minnha, ta' l-għolja fuq in-naħa tat-tramuntana tal-belt. L-awturi tas-Salmi ta' Sijon ifaħħru kemm jifilħu 'l Ġerusalemm bħala l-belt ewlenija tas-Saltna tal-Mulej Alla fuq l-art, jitolbu għall-ħelsien tagħha mill-għedewwa u għar-rebħa tagħa biex tkun il-belt tal-popli kollha.

Ġerusalemm għal-Lhud kienet l-għaxqa u l-ftaħir tagħhom, l-aktar għax fiha kien hemm it-tempju grandjuż tal-Mulej. F'Ġerusalemm il-Mulej għoġbu jkollu d-dar tiegħu biex fiha jgħammar fost il-poplu tiegħu.

**"Il-Mulej għażel... l-għolja ta' Sijon li kien iħobb. Hemm bena s-santwarju tiegħu bħall-ogħla smewwiet"** (Salm 78:68-69).

L-akbar ferħ tal-Lhud kien ikun meta kien jasal għalihom iż-żmien li jitilgħu Ġerusalemm u jżuru t-tempju tal-Mulej.

**"Fraħt meta qaluli: Sejrin f'dar il-Mulej! Diġà qiegħdin riġlejna fi bwiebek, Ġerusalemm! Ġerusalemm mibnija bħal belt, maqgħuda ħaġa waħda"** (Salm 122:1-2; ukoll Salmi 48; 84; 133).

Lilha kienu jibku wara l-waqgħa tagħha f'idejn l-għadu li ġarrafha u qeridha.

**"Fuq ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qagħdna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon"** (Salm 137:1).

Għaliha kienu jitolbu biex terġa' tinbena u tqum fuq saqajha **"Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek; erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm"** (Salm 51:20; 102:14-18).

U aħna kif se nitolbu bi kliem bħal dan f'dawn is Salmi u f'oħrajn bħalhom? Nistgħu nagħmlu tagħna dawn is-sentimenti tas-salmisti, li kienu frott taċ-ċirkustanzi ta' żmienhom? Nistgħu nagħmlu tagħna t-talbiet u s-sentimenti tagħhom, jekk b'Ġerusalemm nifhmu aħna wkoll **"il-belt tagħna"** - mhux fis-sens storiku u ġeografiku, iżda fis-sens eskatoloġiku, Messjaniku u Kristjan. Dan naslu għalih b'għajnuna tar-riflessjonijiet tal-profeti u ta' l-affermazzjoinijiet ta' l-awturi sagri tat-Testment il-Ġdid.

Il-profeti kellhom aktarx kliem ta' kundanna għal Ġerusalemm ta' żmienhom minħabba l-ħażen tal-poplu tagħha (Is 1:21; Ġer 7:14, Eżek 4:1ss; u l-bqija). Madankollu 'l hemm mill-viżjoni kerha ta' Ġerusalemm ta' żmienhom, kellhom quddiem għajnejhom id-dehra sabiħa ta' Ġerusalemm il-ġdida. Din ħabbruha bi kliem sabiħ kollu ottimiżmu. Ġerusalemm terġa' tqum, tilbes l-ilbies sabiħ bħall-għarusa mżejna għall-għarus tagħha, uliedha joktru u jimlewha (Is 49:14-26; 51:17-54). Eżekjel ħażżeż bir-reqqa l-pjanta ta' Ġerusalemm il-ġdida bit-tempju l-ġdid tal-Mulej f'nofsha (Eżek 40-46; 47:1-48). Din il-viżjoni ottimista ma seħħet qatt fl-istorja ta' din il-belt. Wara li intemm l-eżilju ta' Babiljonja u l-Lhud reġgħu lura f'arthom u bdew jerġgħu jibnu l-belt, bdew jaħsbu li dak kien iż-żmien ta' Ġerusalemm il-ġdida. Imma t-tama tagħhom baqgħet bla temma u taret mar-riħ. Ġerusalemm ma reġgħet kisbet qatt il-ġieħ u l-ġmiel li kellha qabel.

Profeti oħra, l-aktar dawk ta' l-aħħar żmien, b'viżjoni aktar wiesgħa bdew jaraw il-Ġerusalemm bħala ċentru reliġjuż tal-popli kollha, bħala l-belt li tiġbor fi ħdanha l-ġnus kollha (Is 25:6-7; Żak 12; 14; Ġoel 4:14-21). Dan is-sens tal-karattru universali ta' Ġerusalemm hu mfisser bi kliem mill-isbaħ fis-Salm 87; is-salmista juri lil Ġerusalemm bħala omm il-popli kollha: **"O Belt ta' Alla, ħwejjeġ żbieħ hu jgħid fuqek; Ngħodd 'il Rahab u 'l Babilonja ma' dawk li jagħrfuni. Araw, in-nies tal-Filistja, Tir u l-Etjopja, dawn twieldu hemm!"** Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli: **"Dawk twieldu hemm!"** M'humiex il-Lhud biss li huma wlied Ġerusalemm, iżda l-ġirien tagħhom pagani wkoll u l-popli kollha ta' l-art.

Ġerusalemm hi omm il-popli kollha. Din mhijiex Ġerusalemm ta' l-art, il-belt storika tal-Palestina ta' dak iż-żmien. Din kienet biss figura ta' Ġerusalemm il-ġdida li, kif ħabbru l-profeti kellha tinbena



mill-ġdid bil-ħidma tal-Messija li kellu jiġi; u din tkun il-belt li tilqa' fi ħdanha l-ulied min kull ġens u ta' kull ilsien. Ir-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid tgħarrafna li din il-profezija seħħet tassew fil-Knisja ta' Kristu. F'dan is-sens San Pawl isejjaħ il-Knisja **"Ġerusalemm ta' fuq, li hi ommna"** (Gal 4:26). U l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud isejħilha **"il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema"** (12:22).

Din hi l-Knisja ta' Ġesù Kristu fuq l-art. L-awtur ta' L-Apokalissi jħares 'il quddiem lejn Ġerusalemm tas-sema fit-trijonf finali tagħha. Mill-Knisja militanti fuq l art jgħaddi għall-Knisja trijonfanti fis-sema. **"U l-belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha"** (21:2).

Din hi Ġerusalemm tagħna. Dan ifisser Ġerusalemm għalina. Kull meta fis-salmi niltaqgħu ma' dan l-isem, ħsiebna għandu jmur f'Ġerusalemm il-ġdida, li hi l-Knisja, sew fl-art fil-ħajja tagħna ta' llum u sew fis-sema fil-glorja tagħha li hemm tistenniena ma' l-għarus tagħha Ġesù Kristu.

U skond is-sens tas-salm li fih naqraw l-isem ta' Ġerusalemm, nitolbu għar-rebħa tal-Knisja fil-ġlieda tagħha kontra l-forzi tal-ħażen u għat-trijonf finali tagħha fil-glorja tas-sema. •





# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Fil-ħajja jkunu qegħdin jiġru affarijiet li ma jistax ikun li ma jiġbdulniex l-attenzjoni u jġagħluna nirriflettu. Mhux biss imma saħansitra jsuquna biex nidde`iedu, meta jkun il-ka\. Hekk bi ħsiebna nagħmlu, jekk dak li se naqraw jolqotna.**

## DIVORZJU EXPRESS



Il-kwistjoni tad-divorzju, maż-żmien, tant qajmet diskussjonijiet li bdew jiġu ivvintati kontinwament espressjonijiet ġodda bħal *fault-based divorce, no fault divorce, divorce by irretrievable breakdown, divorce on demand, divorce by post, quickie divorce*... It-Taljani kienu ħarġu wkoll bl-espressjoni *piccolo divorzio*. Riedu li, meta parti fiż-żwieġ tiġi mċaħda darba għal dejjem mill-parti l-oħra minħabba mard mentali f'xi manikomju jew mogħtija sentenza mill-qorti biex tqatta' l-kumplament ta' ħajjitha fil-ħabs, dik il-persuna għandu jkollha dritt terġa' tiżżewweġ.

Peress li d-diskussjoni fuq id-divorzju kompliet tikkomplika ruħha minħabba l-kriżi li hawn fiż-żwieġ, issa ġiet ivvintata l-espressjoni 'divorzju express'. 'Il quddiem għad jivvintaw espressjonijeit oħra!

X'nifhmu bl-espressjoni divorzju express? L-aħħar kelma Ingliża, il-kelma li sa ftit ilu konna nassoċjawha mal-ferroviji u ma' kwalità ta' kafè Taljan, issa qed jorbtuha mad-divorzju. Meħmuża mad-divorzju tfisser: titlob li tinħall mis-sieħed/sieħba tiegħek anki ftit xhur wara li tkun iżżewwiġt, mingħajr l-ebda obbligu lanqas li tiddikjara r-raġunijiet għala qed titlob id-divorzju.

Id-divorzju jkun ta' liema għamla jkunhuwa dejjem ipprojbit mill-Knisja. Mhux għax il-liġi għamlitha l-Knisja, imma għaliex kien Alla stess li ried li ż-żwieġ ikun indissolubbli, rrevokabbli u eskużiv. Il-liġi tiegħu, iżjed u iżjed kif ried ifassalha fuq l-istituzzjoni taż-żwieġ, tfisser ħajja.

Iżjed mhu qed jgħaddi ż-żmien iżjed id-divorzju, fejn darba kien ġie legalizzat, qed isir faċli. Ħafna żwiġijiet qed ifasslu ruħhom mhux iżjed fuq il-liġi qaddisa t'Alla, imma fuq drawwiet mhux biss pagani, imma saħansitra banali. Forsi t-talba għad-divorzju f'Las Vegas mhiex hekk? F'dan il-pajjiż mara tista' titlob id-divorzju għas-sempliċi raġuni li r-raġel tagħha jonħor wisq matul il-lejl, u ma jħallihiex torqod sew. Ara kemm qegħdin tajjeb hemmhekk!



L-espressjonijiet li qegħdin jivvintaw fuq id-divorzju għandhom effett qawwi fuq is-psyche u r-rieda tal-miżżewġin.

Jekk dawn ma joqogħdux b'seba' mitt għajn fuqhom infushom, jistgħu jiġu mpressjonati bil-kif minn dak li qed jingħad, jibdew jiżolqu fin-niexef fil-ħajja qaddisa tagħhom u jitbiegħdu minn dak li Alla fassal b'għerf kbir għalihom bħala miżżewġin, u fasslu għax bih irid isalvahom.

**Mulej, għamel li l-kelma tiegħek u l-isfumaturi tagħha biss imexxu ż-żwieġ nisrasni tagħna.**

## TPAĊPIĊ FUQ IN-NIES

It-tpaċpiċ fuq in-nies kullimkien jeżisti. Id-differenza bejn pajjiż u ieħor qiegħda fil-mod kif dan isir u kemm isir. Hawn Malta dan isir minħabba l-fatt li ħafna Maltin jgħixu ħafna barra mid-dar. Minħabba f'hekk għandhom okkażjoni jiltaqgħu man-nies u peress li ħafna nies minn fost il-poplu tagħna ma jaqrawx, meta jiġu f'kuntatt ma' ġirien, nies tad-dar, individwi mħalltin magħhom, ħbieb..., id-diskors x'aktarx jaqa' fuq dik u fuq l-oħra, fuq dak u fuq l-ieħor. Għal ħafna Maltin u Għawdxin, id-diskors fuq l-oħrajn huwa passatemp, jew xi ħaġa li tiddistingwi l-kultura tagħna. Ara daqsxejn!

It-tpaċpiċ fuq l-oħrajn barra li huwa nuqqas kbir ta' edukazzjoni, huwa wkoll ksur serju tal-liġi t'Alla. Din tikkmandana nħobbu lill-oħrajn, nagħdruhom, nagħlqu għajnejna fuq id-difetti u d-dnubiet tagħhom, għax konvinti li anki aħna għandna tagħna, forsi agħar minn ta' dawk li nkunu qegħdin ngħidu kontriehom.

It-tqassis fuq ħaddieħor isir fil-knisja, anki wara t-tqarbin, fuq iz-zuntier, waqt ix-xiri, wara xi laqgħa ta' talb, ħdejn il-bieb ta' barra, fuq it-telephone u l-mobile, waqt reception ta' tieġ f'dik ir-rokna tas-sala jew l-oħra, waqt xi ikla f'dak ir-restaurant jew l-ieħor, fuq l-istage tal-karrozza tal-linja, fuq ix-xarabank, fuq ix-xogħol waqt li jkun tiela' l-prodott...

Żewġ awturi kbar wieħed Latin u l-ieħor Franċiż b'kitbiethom juruna l-gravità tat-tpaċpiċ bl-addoċċ fuq in–nies. Isimgħu r-realtà ta' kliemhom. Victor Hugo, f'*Les Miserables, Book V, "The Descent,"* VIII, jikteb: *"Some people are malicious from the mere necessity of talking. Their conversation, chatter in the drawing room, gossip in the antechamber, is like those fireplaces that rapidly burn up wood; they need a great deal of fuel; the fuel is their neighbour."* Kemm hu minnu dan il-kliem. Jiġri kuljum anzi kull waqt.

Virġilju, f'*Aeneid, Book IV, lines 173ff*, jikteb: *"At once gossip travels through the great cities of Libya,/gossip, than which no other evil is swifter./It thrives on movement and gathers strength as it goes;/small at first through fear, soon it moves into the open,/it treads the earth and places its head among the clouds./ -swift of foot and agile of wing/ a monster to be feared, and powerful,/ the feathers of whose body are as numerous as the vigilant eyes beneath (a marvel to speak of),/with as many tongues, as many moutgs, as many attentive ears./as tenacious a messenger of lies and perversity as of trutg./It fills the peoples with multifold talk/and, rejoicing, sings equally of what is fact and fiction."* Dan il-kliem qed jiġi vverifikat inti u taqrah. Qed jiġri fid-dinja kollha.

> **Mgħallem Divin, agħmel li iżjed inkun pront biex immaqdar lili nnifsi milli dejjem lest biex intaqtaq fuq l-oħrajn u ntertaqhom bi kliemi mimli kburija, disprezz, għira, ġelosija... għalihom.**

## ID-DESTIN TA' ĦAFNA ŻGĦAŻAGĦ

Hawn ħafna żgħażagħ għaqlin u hawn oħrajn moħħhom fuq il-werqa. Ħafna minnhom jiltaqgħu mas-saram u jafu jirnbħuh, għax ippreparati. Oħrajn jibqgħu vittma taċ-ċirkostanzi li jkunu sabu ruħhom fihom. Ħafna kapaċi ma jmorrux mal-kurrenti. Oħrajn jinġarru faċilemnt minnhom. Mons. Angelo Comastri f'Come andremo a finire? f'mument minnhom jikteb dawn l-erba' kelmiet fuq ċerti żgħażagħ: *"Come farfalle, girano attorno alle false luci della modernità e ci cadono dentro, morendo ingloriosamente e stoltamente."*

Iva, xi żgħażagħ nisthħu nxebbħuhom ma' dik il-baħrija li tinqabad f'xi tubu ta' xi lampa tal-pitrolju mixgħula, għax id-dawl jogħġobha u jiġbidha lejh. Wara li tkun xebgħet iddur mat-tubu jaħraq u mad-dawra tal-ftila tixgħel, fl-aħħar tinħaraq u tmut. Il-baħrija m'għandhiex għaqal. Ma tafx l-affarijiet. Imma ż-żgħażagħ suppost li huma għaqlin u ma jħallux lil min irid jidħak bihom, billi jippreżentalhom stili ta' ħajja, vizzji, ċertu divertiment, ċerta mużika, ċerti drogi bħala mezzi li jimlew ħajjithom. F'dan kollu hemm il-mewt u mhux il-ħajja. Inkella jinqabdu minn ċerti industriji li jwassluhom għall-mewt b'mod bla ġieħ u baħnan. Smajna bi stejjer biżżejjed, u għadna nisimgħu, disgrazzjatament.

Fl-aħħar mill-aħħar Ġesù qalilna li t-triq li twassal għat-telfien hija wiesa' u spazjuża u ħafna huma dawk li jgħaddu minnha, għax togħġobhom iżjed mit-triq id-dejqa (Mt 7:13-14). •

> **Mulej, agħmel li ż-żgħażagħ qatt ma jingidmu mit-tlellix tal-ħajja li fih, ħafna drabi, hemm il-mewt imdendla.**



# Fr Ivan Scicluna OFMCap

# SAĊERDOT GĦAL DEJJEM

**Nhar il-Ħadd, 1 ta' Lulju 2007, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, flimkien ma' ħamsa oħra jiena ġejt ikkonsagrat saċerdot għal dejjem permezz tas-sagrament ta' l-Ordni Sagri li rċevejt bit-tqegħid ta' l-idejn ta' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof Pawlu Cremona. Din il-paġna unika li nkitbet fil-ktieb ta' ħajti nisslet fija sentimenti li għadhom miegħi s'issa u li xtaqt naqsamhom magħkom f'dan l-artiklu.**

Xi ġimgħa qabel l-Ordinazzjoni, aħna d-djakni li konna se niġu ordnati saċerdoti, kellna laqgħa ma' l-Arċisqof bħala l-aħħar mument ta' tħejjija għall-Ordinazzjoni. F'diskors mitqlu deheb li għamlilna, l-Arċisqof saħaq ħafna fuq l-istagħġib li għandu jkollna quddiem dak li Alla se jagħmel magħna, fina u permezz tagħna meta jikkonsagrana saċerdoti tiegħu. Tabilħaqq, is-sentiment ta' stagħġib akkumpanjani ħafna waqt u fil-jiem ta' wara l-Ordinazzjoni. Tassew ta' l-għaġeb kemm Alla jafda lill-bniedem... lis-saċerdot: jafdalu f'idejh is-setgħa li jaħfer id-dnubiet; jafdalu l-poplu tiegħu biex jiggwidah; u fuq kollox jorbot lilu nnifsu li jobdi lis-saċerdot u jinżel fuq l-artal għall-kliem, **"Dan hu ġismi ... dan hu demmi"** li jitlissen ta' kuljum fil-quddiesa.



*Mons. Arċisqof Pawl Cremona OP ma' Fr Ivan, il-ġenituri Antoinette u Alfred u ħuh Kevin wara l-Ordinazzjoni Presbiterali.*



"Qatt daqs dan iż-żmien mill-Ordinazzjoni 'l hawn ma ħassejt sentiment ekkleżjali daqshekk qawwi u persistenti!"

Meta mbagħad inġib quddiem għajnejja kemm ma jistħoqqlix id-don tas-saċerdozju għax **"jien nagħrafhom ħtijieti"** (Salm 51:5) u f'kemm minix kapaċi bil-ħila tiegħi nwettaq dan il-ministeru għax id-dgħufija tiegħi dejjem quddiemi, iktar jgħaġġibni l-fatt kif Alla jirriskja jferra' dawn is-setgħat kollha f'riċipjenti hekk dgħajfa u mriegħda, kif Alla jirriskja jsawwab **"teżori"** hekk kbar f'**"ġarar tal-fuħħar"** (2Kor 4:7). Imma fl-istess ħin naf li dan jagħmlu biex **"b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġejja minn Alla u mhux minna"** (2Kor 4:7). Fil-ftit mumenti qosra li ntbaħt b'din il-laqgħa tal-kobor ta' Alla maċ-ċokon tiegħi, bil-kobor tad-don li jrid jafda fil-ġarra tal-fuħħar tiegħi, fhimt xi ftit iktar is-sentiment ta' 'l hekk imsejjaħ għaġeb tal-presepju (karattru fittizju, imma l-fatt li ddaħħal biż-żmien fil-presepji tagħna narah sinifikattiv ħafna!) li baqa'



ħalqu miftuħ quddiem il-misteru li Alla ħa fuqu s-sura dgħajfa tal-bniedem.

Inħoss li l-protagonisti fl-Ordinazzjoni saċerdotali ma kinux biss l-ordinandi u l-Mulej li qed jikkonsagrahom għalih permezz ta' l-Arċisqof. Protagonista ieħor kienet il-ġemgħa miġbura biex titlob magħna, kif ukoll tant nies oħrajn li ma kinux preżenti, imma li kienu magħquda magħna fl-ispirtu u fit-talb. Ħafna nies fil-jiem ta' qabel l-1 ta' Lulju bagħtulna messaġġi, emails jew ċemplu u wegħduna talb, appoġġ u interċessjoni. Qatt daqs dan iċ-ċmien mill-Ordinazzjoni 'l hawn ma ħassejt sentiment ekkleżjali daqshekk qawwi u persistenti! Ħassejtni magħqud ħafna mal-Poplu ta' Alla li għalih ġejt imsejjaħ biex nagħti ħajti, mal-Knisja li kienet qed titlob magħna u għalina, bħalma talbet **"bil-ħerqa"** għal Pietru meta **"kien arrestat fil-ħabs"** (Atti 12:5).

Kien hemm ħsieb ieħor li ferraħni ħafna f'dawn il-jiem: il-fedeltà ta' Alla! Spiss ġibt quddiem għajnejja kemm Alla kien fidil miegħi matul il-mixja twila li wasslitni sa fuq l-għatba ta' l-Ordinazzjoni: kemm ipprovdieli nies (ġenituri, qraba, saċerdoti, reliġjuż, għalliema, benefatturi, ħbieb) li matul dawn it-tletin sena għenuni u nkuraġġewni biex wasalt sa hawn; kemm ħabbni b'xejn, kif jien u bla kundizzjoni; kemm baqa' qrib u ma telaqni qatt fil-mumenti iebsin (u minn dawn kelli ħafna!), anzi propju fihom rabatni iktar miegħu, fihom għallimni nafdah tassew, fihom għallimni nitlef ħajti għal imħabbtu biex nerġa' nsibha b'mod ġdid (Mt 16:25). Fuq livell aktar wiesa' rajt kemm Alla hu fidil mal-Poplu tiegħu. Għaliex qed ngħid hekk? Fil-jiem ta' qabel l-Ordinazzjoni, kienu ħafna dawk li qaluli: **"Il-festa tiegħek waslet!"** jew, **"Nhar il-Ħadd il-festa tiegħek, hux?"** Dawn il-kummenti ġiegħluni naħseb mhux ftit! Għax is-saċerdozju mhuwiex xi ġieħ jew privileġġ mogħti lill-individwu li jkun Ordnat saċerdot biex joqgħod jiddandan bih, imma s-saċerdozju huwa don mogħti minn Alla fil-Knisja u għall-Knisja.

Is-saċerdot huwa msejjaħ biex jagħmel il-grazzja ta' Alla preżenti fost il-Poplu tiegħu billi jamministra s-sagramenti, ixandar il-Kelma ta' Alla u jmexxi l-merħla fdata f'idejh u b'hekk jgħin lill-Insara jgħixu s-sejħa tagħhom ta' Nsara fil-milja kollha tagħha. Għalhekk, l-Ordinazzjoni saċerdotali hija okkażjoni li turina ċar li Alla għadu jiftakar fil-poplu tiegħu billi



*Fr Ivan Scicluna OFMCap akkumpanjat mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro, il-Kappillan Fr Evan Caruana u membri tal-familja tiegħu nhar il-quddiesa solenni fil-parroċċa tan-Naxxar.*

# "Spiss ġibt quddiem għajnejja kemm Alla kien fidil miegħi matul il-mixja twila li wasslitni sa fuq l-għatba ta' l-Ordinazzjoni..."



jibgħatlu rgħajja li jrawwimhom skond qalbu ħalli jdawluh, jiggwidawh u jqaddsuh. Mela bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li l-festa ta' Ħadd l-Ordinazzjoni hija primarjament u fundamentalment il-festa ta' l-imħabba kbira u tal-fedeltà ta' Alla lejn il-Poplu tiegħu li huwa l-mimmi t'għajnejh!

Fl-aħħarnett, inħoss li l-aktar sentiment li ħakimni minn Ħadd l-Ordinazzjoni 'l hawn kien is-sentimenti tal-gratitudni: **"Iva, grazzi Mulej, tad-don tal-ħajja li tajtni, tad-don tal-fidi Nisranija, tad-don tas-sejħa għall-ħajja Franġkana Kapuċċina u saċerdotali – veru ma nimmaġinanix ngħix stil ta' ħajja oħra jekk mhux dan li għażiltli Int!... Grazzi, Mulej, talli matul din il-mixja miegħek dewwaqtni hena li ħadd ma jista' jagħti jew jixtrih bil-flus (Ġw 15:11)... Inħobbok, Mulej, għax int ir-raġuni għalfejn ngħix, għax int ta' min iħobbok, għax int kollox għalija! Amen."** •




## APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2007.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## OTTUBRU

- **Biex l-Insara li jinsabu f'minoranza ma jaqtgħux qalbhom milli jkunu xhieda tal-fidi tagħhom.**
- **Biex il-ġurnata missjunarja tħeġġeġ lil kull nisrani jaħseb fil-Missjonijiet.**
- **Sabiex il-familji tagħna jidraw jitolbu iktar fi djarhom, speċjalment bit-talba tar-rużarju.**

# GĦADNA QED NIBNU D-DJOĊESI TA' MALINDI

Meta fis-sena 2000 ġiet imwaqqfa d-Djoċesi ta' Malindi, wieħed kien jaf li x xogħol kien għadu se jibda, għax din kienet għad trid timbena fi djoċesi waħda.



L-ewwel ħidma kienet li nilħaq l-irħula kollha u nagħtiħom is-servizz tal-Knisja. Dlonk, għaqqadt gruppi ta' rħula madwar wieħed ikbar mill-oħrajn, u ħloqt parroċċi ġodda. B'xorti tajba sibt saċerdoti u sorijiet lesti jingħaqdu miegħi u benefatturi, fosthom Maltin, biex nibnilhom id-djar.

Immirajt għall-kura tat-tfal u ż-żgħażagħ li jimlew l-iskejjel u l-knejjes, imqar jekk ġejjin minn familji pagani. Saċerdot tal-post ingħata d-dmir li jfittex ġuvintur imħajra għas-seminarju, hekk illi f'temp ta' sena u nofs oħra se jkolli l-ewwel frott, bl-ordinazzjoni ta' ħames saċerdoti ġodda.

Bnejna Istitut Kattoliku u bdejna nistiednu gruppi ta' mexxejja għal-laqgħat u korsijiet; u f'qasir żmien irnexxielna noħolqu għaqda kbira bejn is-saċerdoti kollha li kienu jiltagħu biex ifasslu x-xogħol flimkien, u s-sorijiet li l-ħidma tagħhom hi ferm meħtiega fost in-nisa, bniet u tfal. Biex nilħqu sewwa l-għan li nwasslu l-fidi lil bosta nies, bla telf ta' żmien bagħatna l-aħjar katekisti għall-korsijiet tajbin ta' kif għandhom jgħallmu ż-żgħar u l-kbar ġejjin minn reliġjonijiet oħra, u nsara li kienu tbegħdu mill-fidi tagħna.

Bi sforz kbir sibt mezz ta' trasport biex kull saċerdot ikun jista' jaqdi dmiru, u jitfa' ħarstu lejn l-irħula ġirien, fejn il-Knisja ma kinetx preżenti: hekk illi f'seba' snin ftaħna xi għoxrin raħal ġdid, fejn hemm it-tagħlim tad-duttrina u xi servizz ieħor. Fost dawn issib xi spiżerija, xi skola tan-nuna, xi programm ta' tqassim ta' l-ikel għal xi xogħol li jsir għall-ġid ta' kulħadd, żjajjar u għajnuna ta' ikel lill-foqra, lill-iltiema u l-morda. Malajr kellna nikkoreġu l-idea li teżisti, li x-xogħol tal-Knisja huwa dawn l-opri ta' ħniena u karità. Fil-fatti x-xogħol ewlieni hu x-xandir ta' l-Evanġelju, li minnu joħorġu l-opri tal-ħniena, li mqar huma jistgħu jagħmlu.

Sena ilu tajna pass ieħor 'il quddiem meta ftaħna santwarju tal-Madonna, fejn tinxtered il-qima lejn il-Madonna, trawwem is-sens li Marija tħarisna, u ddarri n-nies ikunu grati għal tant grazzji u ġid li Alla jagħmlilhom bla qatt ma jaqta'. Fiss se nibdew darba f'ġimgħa niftħu l-kaxxa li tiġbor fiha t-talbiet tan-nies u waqt il-quddiesa ta' Adorazzjoni Ewkaristika jinġibu fi proċessjoni waqt it-talb tal-fidili, u jinħarqu quddiem kulħadd.

## Kollox jidher sabiħ, imma mhux!

- **Min se jilħaq lil tant pagani li m'għandna ebda kuntatt magħhom?**
- **U dawk li ma jaqblilhomx jisimgħu, biex jibqgħu fil-poligamija u u l-ħakma ta' l-ispirti?**
- **X'ċertezza għandek li wieħed imrobbi fil-paganeżmu, jekk jitgħammed, ma jitħajjarx jew ma jiġbduhx lura minfejn ġie.**
- **Min se jsaħħaħ li min iżomm sieq hemm u oħra hawn?**
- **Min se jagħti forza lis-sorijiet u s-saċerdoti lokali biex jibqgħu fidili għad-dmirijiet tagħhom, meta fost nieshom u sħabhom jitqiesu bħala xortihom ħażina, għax se jibqgħu mingħajr tfal... li hi forma ta' mewt għall-familja?**

Hemm arma waħda biss: it-talb ta' intereċessjoni! Hu għalhekk li jiena konvint li d-djoċesi għandha bżonn ta' kunvent tas-sorijiet tal-Klarissi, li jagħtu eżempju ħaj ta' nisa li ntelqgħu f'idejn Alla, b'għajnejhom merfugħin lejn valuri tas-sema, u jitolbu għall-konverżjoni tal-pagani u t-tisħiħ tal-fidi dgħajfa ta' oħrajn.

Meta staqsejt lis-saċerdoti u s-sorjiet kollha, dawn kellhom tweġiba waħda: id-Djoċesi għandha bżonnhom. B'xorti tajba għandna post maħluq għal dan il-għan... imma la għandna kunvent u lanqas flus biex nibnuh. Kulħadd jagħmilli l-qalb illi, jekk Alla jrid il-Klarissi fid-Djoċesi ta' Malindi, ma jonqosx li jsib il-mezzi. Hu għalhekk li qiegħed indur fuq il-Maltin li jammiraw tant lis-sorijiet Klarissi, biex jgħinuna.

## Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Ġurnata Missjunarja Dinjija

# 21 t'Ottubru 2007

# "IL-KNEJJES KOLLHA GĦAD-DINJA KOLLHA"

**Fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja Dinjija li ġejja, nixtieq nistieden lill-poplu kollu ta' Alla – Rgħajja, saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa u lajċi – għal riflessjoni flimkien fuq il-ħtieġa u l-importanza li għandha, anki fi żmienna, il-ħidma missjunarja tal-Knisja.**

*"**Il-Knejjes kollha għad-dinja kollha.**" Din hija t-tema magħżula għall-Ġurnata Missjunarja Dinjija li ġejja. Hija tistieden il-Knejjes lokali ta' kull kontinent biex ilkoll flimkien jagħrfu l-ħtieġa urġenti li jerġgħu jagħtu spinta lill-ħidma missjunarja quddiem l-isfidi numerużi u serji ta' żmienna.*

*L-impenn missjunarju jibqa', kif intqal kemm-il darba, l-ewwel servizz li l-Knisja għandha tagħti lill-umanità ta' llum, biex tiggwida u tevanġelizza l-bidliet kulturali, soċjali u etiċi; biex toffri s-salvazzjoni ta' Kristu lill-bniedem ta' żmienna, f'tant partijiet tad-dinja umiljat u oppress minħabba l-faqar dejjiemi, il-vjolenza u ċ-ċaħda sistematika tad-drittijiet umani.*

*Ma rridux ninsew li l-ewwel kontribut li jiġi qabel kollox, li aħna msejħin biex noffru għall-ħidma missjunarja tal-Knisja, huwa t-talb. **"Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit,"** jgħid il-Mulej, **"Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu"** (Lq 10:2).*

*Nagħmel appell b'mod partikulari lit-tfal u liż-żgħażagħ, dejjem lesti għal impenji missjunarji ġenerużi. Indur lejn il-morda u lejn il-batuti u nfakkarhom fil-valur tal-kollaborazzjoni misterjuża u indispensabbli tagħhom fil-ħidma tas-salvazzjoni. Nitlob lill-persuni kkonsagrati u speċjalment lill-monasteri tal-klawsura biex ikattru t-talb tagħhom għall-Missjoni. Bl-impenn ta' kull nisrani, jalla tinfirex fil-Knisja kollha x-xibka spiritwali tat-talb b'għajnuna għall-Evanġelizzazzjoni. •*

## KARTOLINI TAL-MILIED
### b'riżq il-Missjoni

Għandna kartolini tal-Milied sbieħ ħafna qies ta' A5 maħdumin b'attenzjoni kbira mill-Voluntiera ta' l-Uffiċċju tal-Missjoni, il-Furjana. **Pakkett ta' 10 b'envelopes Lm1 BISS.**

Ikteb jew ċempel:
UFFIĊĊJU MISSJONI
KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI
FLORIANA FRN 1211
Tel: 2123 3874 jew 2122 5525

Għad baqalna numru limitat ta' kartolini tal-Milied tas-soltu. **Pakkett ta' 16 il-kartolina Lm1 biss ukoll.**

## Appell minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi, il-Kenja
# LILL-ĦBIEB TAL-KLARISSI

Għeżież Ħbieb,

Għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena dejjem kellna x-xewqa li xi darba jkollna kunvent tas-Sorijiet Klarissi. It-talb tagħhom iqanqal il-pagani biex jersqu lejn Kristu, isaħħaħ il-fidi tal-Kattoliċi, jgħin liż-żgħażagħ jilqgħu s-sejħa għall-ħajja saċerdotali jew reliġjuża u jagħtu xhieda ta' ħajja mimlija fidi, mogħtija kompletament għal Alla. Dawk mtaqqla bid-dnub, firda u mibegħda, bil-mard u l-faqar, isibu l-faraġ fit-talb qawwi tas-Sorijiet.

Id-Djoċesi ta' Malindi għandha post milqut għal kollox għall-bini ta' kunvent. Il-kleru u r-reliġjużi kollha huma ħerqana li jkollna l-Klarissi fostna, u l-Klarissi ta' Bukoba, Tanzanija, aċċettaw li jiġu wkoll.

Imma jiena bqajt bil-piż li nibnilhom kunvent tajjeb għalihom! Għalhekk qiegħed nagħmel talba lil dawk kollha li jafu jew jammiraw is-Sorijiet Klarissi biex ikunu ġenerużi u jgħinuni biex nibda nibnih.

***KUNTATTI***

***Mgr Francis Baldacchino***
***P.O. Box 1573, Malindi, Kenya, E. Africa***
***Tel: 0254-42-31489 Fax: 0254-42-30835***
***E-mail: mldbishop@africaonline.co.ke***
***(Fergħat kollha) BOV Visa Acc. no. 4552 4013 1028 5014 u tgħarrafni))***

***Patri Krispin Tabone***
***Uffiċċju Missjoni, Kapuċċini, Furjana***
***Tel: 2123 3874; 2122 5525;***

***Fr Leonard Falzon***
***Tel: 2138 6112/3 Mob: 9985 8242***

# Kif inkitbu l-Evanġelji (7)



Ir-Raba' Evanġelju huwa uniku fost l-Evanġelji l-oħra fir-referenzi li jagħmel għad-Dixxiplu l-Maħbub. Lejn tmiem l-Evanġelju nieħdu l-impressjoni li dan id-Dixxiplu huwa l-awtur ta' dan l-istess Evanġelju: **"Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ"** (Ġw 21:24).



L-Evanġelista, iżda, qatt ma jsejjaħ lil dan il-personaġġ b'ismu. Kien fit-Tieni Seklu li l-Missirijiet tal-Knisja identifikaw id-Dixxiplu l-Maħbub ma' Ġwanni, bin Żebedew. Illum, iżda, ftit huma dawk l-istudjużi li għadhom iżommu din il-pożizzjoni, fosthom iż-żewġ studjużi kbar Kattoliċi fuq dan l-Evanġelju, Raymond E. Brown u Rudolph Schnackenburg li matul iż-żmien biddlu l-pożizzjoni tagħhom.

Fost l-argumenti li dawn jippreżentaw sabiex juru kemm hu diffiċli tipprova li d-Dixxiplu l-Maħbub huwa Ġwanni hemm dak li fl-Evanġelji Sinottiċi, Ġwanni flimkien ma' ħuh Ġakbu u Pietru, kienu preżenti għal tliet okkażjonijiet uniċi: fit-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, fil-qawmien tat-tifla ta' Ġajru u fl-agunija ta' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani. Jekk Ġwanni huwa d-Dixxiplu l-Maħbub u l-awtur

tar-Raba' Evanġelju, għaliex iħalli barra mill-Evanġelju li kiteb dawn it-tliet episodji li tagħhom huwa kien xhieda?

It-Tieni, fi Ġw 18:15 wara l-arrest ta' Ġesù naqraw kif Xmun Pietru u d-Dixxiplu l-Maħbub imxew wara Ġesù u kif **"dan id-dixxiplu kien midħla tal-qassis il-kbir u għalhekk daħal fil-bitħa tal-qassis il-kbir flimkien ma' Ġesù."** Jekk id-Dixxiplu l-Maħbub huwa Ġwanni bin Żebedew li kien sajjied fil-Galilija, jiġifieri, fin-naħa ta' fuq ta' Iżrael, kif seta' dan ikun jaf il-qassis il-kbir li kien jgħix f'Ġerusalemm, in-naħa ta' isfel ta' Iżrael?

Fi Ġw 21:2 l-Evanġelista jagħtina lista ta' seba' dixxipli: **"Xmun Pietru, Tumas li jgħidulu t-Tewmi, Natanjel minn Kana tal-Galilija, ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli tiegħu kienu flimkien."** Ninnutaw kif ulied Żebedew hawn huma nklużi fost is-seba' dixxipli, imma ma' dawn hemm ukoll żewġ dixxipli oħra li ma nafux min huma u li jista' jagħti l-każ li wieħed minnhom huwa d-Dixxiplu l-Maħbub.

Forsi l-akbar argument kontra li d-Dixxiplu l-Maħbub huwa Ġwanni bin Żebedew huwa dak li naqraw fi Ġw 21:24: **"Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hija minnha."** Jekk id-Dixxiplu l-Maħbub huwa Ġwanni wieħed mit-Tnax l-Appostli, għaliex dawn l-**"aħna"** kollhom bżonn jiddefendu l-verità ta' dak li kien qiegħed jikteb kif naraw hawn?



Hemm imbagħad ix-xhieda tal-Missirijiet tal-Knisja. Fost dawn jispikka San Irinew, li fit-tielet ktieb tiegħu kontra l-Ereżiji jikteb: **"Ġwanni, id-dixxiplu tal-Mulej, li poġġa rasu fuq sider Ġesù, ippublika l-Evanġelju waqt li kien jgħix f'Efesu fl-Asja"** (Adv. Haer. 3.1.2). Iżda meta naqraw it-Testment il-Ġdid nistgħu ninnutaw li mhemm l-ebda xhieda li Ġwanni bin Żebedew xi darba għex f'Efesu, kif kiteb San Irinew. L-anqas l-appostlu San Pawl meta jiġi biex jindirizza lill-Presbiteri ta' Efesu (ara Atti 20:18-35) ma jagħmel ebda referenza għall-preżenza ta' Ġwanni f'din il-belt. Minbarra hekk għandna wkoll ix-xhieda ta' San Injazju minn Antijokja. Fost l-Ittri li kiteb hemm dik lill-Knisja ta' Efesu, miktuba lejn is-snin 110 W.K. Dan isemmi l-ħidma ta' San Pawl f'Efesu, imma jibqa' sieket fuq Ġwanni bin Żebedew.

Għalhekk nistaqsu hawn: Sant'Irinew seta' kien żbaljat fix-xhieda li ħallielna? Mhux bil-fors, imma llum naħsbu li dan il-qaddis ried isalva l-Evanġelju minn idejn l-Gnostiċi, li kienu setta fi żmien l-ewlenin insara, u li kitbu l-ewwel kummentarju fuq dan l-Evanġelju. Kien hemm il-biża' għalhekk li r-Raba' Evanġelju, faċilment seta' jintilef mill-Knisja. Sant'Irinew seta' mela niżżel l-isem ta' Ġwanni bin Żebedew bħala l-awtur ta' dan l-Evanġelju sabiex jagħti awtorità ta' appostlu lil dan l-Evanġelju.

Quddiem dan kollu naraw kemm hu diffiċli ngħidu min seta' kien id-Dixxiplu l-Maħbub. Dak li jidher fi żgur huwa li l-Evanġelista ried jippreżenta lil dan id-dixxiplu bħala mudell għal dawk kollha li jixtiequ jkunu intimi mal-persuna ta' Ġesù, u li bħal dan id-dixxiplu huma wkoll mistiedna sabiex ipoġġu rashom fuq sider Ġesù.

Imma hemm kurżità oħra li rridu nsemmuha hawn u din insibuha



fl-aħħar darba li jissemma dan id-Dixxipli, jiġifieri, fi Ġw 21:24: **"Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hija minnha."** Min huma dawn l-**"aħna"** li qed jagħtu xhieda ta' dak li kiteb id-Dixxiplu l-Maħbub? Fi Ġw 1:14 insibu wkoll referenza għal dawn l-**"aħna"** meta naqraw: **"U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu."**

Hekk ukoll fi 3:11. Hawn suppost huwa Ġesù li qed jikellem ma' Nikodemu, b'danakollu f'dan il-vers, l-Evanġelista juża l-Ewwel Persuna fil-Plural: **"aħna"** - **"Tassew tassew ngħidlek li aħna qegħdin nitħaddtu fuq dak li nafu, u qegħdin nagħtu xhieda ta' dak li rajna, imma x-xhieda tagħna ma tilqgħuhiex."**

Ħafna mill-Istudjużi, illum, jaqblu li dawn l-**"aħna"** li jissemmew f'dawn l-episodji huma l-komunità li għaliha nkiteb dan l-Evanġelju. Jekk huwa hekk, allura ma kienx id-Dixxiplu l-Maħbub biss li kiteb dan l-Evanġelju. Imma dan l-Evanġelju huwa prodott ta' bosta persuni, inkluż dak tad-Dixxiplu l-Maħbub, ix-xhieda ewlenija wara din il-kitba. Mhux biss, imma dawn l-istess studjużi juruna kif dan l-Evanġelju ma nkitbix f'daqqa, imma nkiteb fi stadji differenti.

Dan nistgħu narawh minn skussaturi li nsibu matul in-narrattiva. Imma fuq dan nitkellmu fil-ħarġa li jmiss. •

# IS-SEJĦA FL-ORDNI FRANĠISKAN SEKULAR



**Ir-Regola ta' l-Ordni Franġiskan Sekular tibda hekk: *"Fost il-familji spiritwali li l-Ispirtu s-Santu qajjem fi ħdan il-Knisja, dik Franġiskana tgħaqqad flimkien dawk il-membri kollha tal-poplu ta' Alla – lajċi, reliġjużi u saċerdoti – li jħossuhom imsejħin biex jimxu wara Kristu, fuq il-passi ta' San Franġisk ta' Assisi. Taħt għamliet u suriet waħda mhix bħall-oħra, iżda f'għaqda ħajja bejniethom, dawn iridu jaħdmu biex tinħass il-kariżma tas-Serafiku Missierhom, komuni għalihom ilkoll, fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja."***

Wara li Franġisku t'Assisi kien beda l-Ewwel Ordni, dak tal-patrijiet, u t-Tieni Ordni, dak ta' Santa Klara, kien hemm oħrajn li riedu jgħixu l-kariżma tiegħu, imma kienu miżżewġin u ma setgħux jitilqu l-familji tagħhom u jmorru fil-kunventi u l-monasteri.

***"Misjuq minn qawwa kbira ta' l-ispirtu telaq għal għonq it-triq, bla qagħad jagħti każ hux għaddej mit-triq jew minn mogħdija, u wasal ma' l-aħwa ħdejn raħal jismu Savuriano. U San Franġisk beda jippriedka, imma qabel xejn ġiegħel lill-ħuttaf biex iżommu s-skiet sakemm hu jkun spiċċa jippriedka. U l-ħuttaf semgħu minnu.***

***U wera tant ħeġġa hu u jippriedka, hekk li l-irġiel u n-nisa kollha tar-raħal b'qima kbira lejh riedu jmorru warajh u jabbandunaw ir-raħal. Imma San Franġisk ma ħallihomx, u qalilhom: "Tgħaġġlux u titilqux minn hawn, u jien nieħu ħsieb ngħidilkom x'għandkom tagħmlu għas-salvazzjoni ta' rwieħkom." U għalhekk ħaseb biex iwaqqaf it-tielet Ordni għas-salvazzjoni ta' kulħadd. U hekk ħallihom imfarrġin ħafna, u mħejjija biex jagħmlu l-penitenza."*** (Fjuretti, Kapitlu XVI) Għalhekk fuq din it-talba lil San Franġisk biex jagħtihom forma ta' ħajja, meta kien qiegħed Bologna għaqqad l-ewwel grupp ta' Sekulari li bdew jgħixu dan l-istil ta' ħajja, dan l-ispirtu ta' San Franġisk, u b'hekk setgħu jibqgħu fl-ambjenti tagħhom, tal-familja, fuq ix-xogħol u kull fejn ikunu. U wara kollox x'kien dan l-ispirtu, din is-sejħa x'kienet, u l-kariżma ta' San Franġisk x'kienet? Kienet li jgħixu l-Evanġelju.

***"Ir-Regola u l-ħajja tal-Franġiskani Sekulari hi din: li jħarsu l-Evanġelju."*** (Regola OFS Art. 4)




## SANTA ELIŻABETTA TA' L-UNGERIJA

### 800 sena mit-twelid tagħha

Din is-sena qegħdin niċċelebraw it-800 anniversarju mit-twelid ta' Santa Elżabetta ta' l-Ungerija li, flimkien ma' San Lwiġi IX, Re ta' Franza, hija l-patruna ta' l-Ordni Franġiskan Sekular.

### Il-Ħajja tagħha

Elizabetta twieldet fl-Ungerija fl-1207. Missierha kien ir-Re Andrea II ta' l-Ungerija u ommha kienet principessa ta' dixxendenza Ġermaniża. Meta kellha biss 4 snin kellha tħalli l-familja u d-dar tagħha, għaliex ġiet mogħtija bħala għarusa ta' Lwiġi IV, prinċep ta' Turinġja, fil-Ġermanja, li kien għad



għandu biss 11-il sena. Kibret flimkien ma' Lwiġi u ħutu f'kastell li kien magħruf ma' l-Ewropa kollha għal-lussu u l-ħajja tad-dinja ta' dak iż-żmien. Minkejja dan Eliżabetta kienet minn dejjem tiftakar fid-dmirijiet tagħha lejn il-fqar.

Iż-żwieġ ta' Lwiġi u Eliżabetta kien wieħed straordinarjament ħieni. Waħda mill-qaddejja tagħha, fix-xhieda li tat għall-kawża tal-qdusija tagħha, qalet li Eliżabetta u Lwiġi: ***"għexu ż-żwieġ tagħhom f'atmosfera ta' talb. Kellhom imħabba sabiħa ħafna lejn xulxin u kienu jgħinu lil xulxin biex ifaħħru u jaqdu lil Alla"***. Kellhom tlett itfal: Herman, l-eredi, Sofia u Gertrude, li meta kibret, daħlet soru tal-klawsura.

Eliżabetta kienet konxja tat taxxi inġusti li l-impjegati ta' żewġha kienu jitolbu lil-poplu, u saħansitra kienet tirrifjuta tieħu ikel u ġid ieħor minn dan il-qliegħ. Żewġha rrispetta l-kuxjenza ta' martu u wiegħdha li ma jdumx ma jbiddel is-sitwazzjoni. Eliżabetta, għalhekk, bil-permess ta' żewġha, kienet tagħmel ħafna karità lill-foqra, iżda dan m'għoġob xejn lill-familja tiegħu, tant li mhux darba żewġha kellu jiddifendiha mill-kritika ħarxa li kienu jagħmlulu kontra tagħha.

Fl-1224 semgħet bil-qdusija ta' San Franġisk u l-Ordni li waqqaf, u ħabirket biex jinbena kunvent Franġiskan fil-belt ta' Eisenach, il-belt ta' żewġha. Għażlet bħala direttur spiritwali lil wieħed mill-patrijiet u 4 snin wara, fil-Ġimgħa l-Kbira, għamlet il-professjoni fl-ORDNI FRANĠISKAN SEKULAR b'idejha fuq l-altar fil-preżenza tal-patrijiet.

Fl-1227, meta kellha 20 sena, Eliżabetta tilfet lil żewġha li miet wara li qabdu deni qawwi waqt waħda mill-kroċjati. Hu żewġha, li tela fuq it-tron ta' ħuh billi Herman kien għadu żgħir wisq, keċċiha bit-tfal mill-kastell u ma ħalliha tieħu xejn. Għal xi żmien, kellha tgħix bl-għajnuna tal-patrijiet Franġiskani. Bl-intervent ta' xi wħud min-nobbli, dan wara reġa' aċċettaha u ried iħalli f'idejha t-tmexxija ta' art żewġha sakemm jikber it-tifel, iżda Eliżabetta irrinunċjat it-tmexxija bil-patt li jeħodha binha meta jilħaq l-età.

Fl-1229, bid-dota tagħha, bniet sptar li ddedikat lil San Franġisk, li kien ġie dikjarat qaddis is-sena ta' qabel, u ħalliet it-tmexxija tiegħu f'idejn il-patrijiet, għalkemm hi stess kienet iddewwi l-morda, b'mod partikolari l-lebbrużi.

Mietet fl-1231 fl-età ta' 24 sena u ġiet dikjarata qaddisa fl-1235. •

## STEDINA GĦAL ĊELEBRAZZJONI

**Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Novembru se tiġi ċċelebrata Quddiesa fil-knisja Franġiskana ta' Santa Marija ta' Ġesù, Triq San Pawl, ir-Rabat, fis-18.00. Kulħadd huwa mistieden.**



### *KUMITAT TA' L-OFS TAL-KALKARA 2007-10*

*President: Joe Caruana, Viċi President: Tessie Gatt, Segretarju: Emanuel Vella, Ministru ta Formazzjoni: Angelo Demanuele, Kaxxier: Joe Cassar, Membri: Joe Pace u Spiru Spiteri.*



# IS-SATANIŻMU

**Ix-xitan m'għandux ħbieb, imma għandu biss skjavi li 'jemmnu' li huma ħbieb tiegħu. Wieħed isir soġġett (skjav) tax-xitan meta għax ikollu din il-konvinzjoni falza li x-xitan huwa ħabib tiegħu, jagħmel patt miegħu u b'hekk jaċċetta lix-xitan bħala dak li jmexxilu ħajtu, id-deċiżjonijiet tiegħu u l-futur tiegħu. Dan il-patt ġeneralment isir permezz ta' firma miktuba bid-demm tal-persuna stess li jittieħed minn qata' li ssir f'wieħed mis-swaba ta' l-id jew fil-pala ta' l-id. Fuq ras il-persuna mbagħad jiġi msawwab id-demm li ġeneralment ikun ta' xi annimal jew tas-'saċerdot' li jmexxi l-laqgħat sataniċi, ħalli b'hekk il-persuna tiġi mgħammda.**

Waqt ir-rit ta' inizjazzjoni, li ġeneralment isir fil-privat bejn il-kap sataniku u l-persuna, jingħata l-ktieb tal-liġijiet sataniċi. Ir-rit ta' inizjazzjoni jista' jsir ukoll bit-tisħib f'rit sataniku apposta fejn is-'saċerdot' jikkonsagra lill-persuna lil Satana. Din hija deċiżjoni volontarja u libera li l-persuna tkun qed tagħmel u għalhekk tirriżulta f'ħafna ħsara għax tkun qed tiftaħ beraħ il-qalb tagħha u l-eżistenza tagħha għal Satana. Mhux l-ewwel darba li f'idejna, bħala eżorċisti, jiġu dawn il-pattijiet miktubin bid-demm minħabba li l-persuna li tkun għamlitu tinduna bl-iżball tagħha. Dawn il-pattijiet jiġu maħruqa u jsir talb speċifiku fuq il-persuna ħalli tiġi meħlusa minn dan l-iskjavitù kbir. Il-ħelsien ta' dawn il-persuni ma jkunx faċli u ġeneralment dawn in-nies iridu jgħaddu minn proċess twil u mpenjattiv fejn mhux biss jiġu liberati, imma wkoll ikkatekizzati (imħarrġin fit-tagħlim ta' Ġesù u l-Knisja) u mgħejjuna biex mhux biss jemmnu, imma jafdaw ħajjithom f'idejn il-Mulej li hu s-sid tal-ħajja.

Filwaqt li l-possessjoni (ara artiklu Ġunju/Lulju 2007) mhix xi ħaġa li tkun trid il-persuna, imma xi ħaġa li jkollha toqgħod għaliha, li wieħed joffri ruħu lix-xitan hija għażla libera tal-persuna u biha joffri ġismu u ruħu lil Satana.

Peress li din hi xi ħaġa li l-persuna stess tkun trid u tixtieq, twassal għal rabta morali kbira bejn il-persuna u x-xitan. Il-persuna ssir kollaboratriċi diretta fil-ħidma tax-xitan. Forsi wieħed jistaqsi: dawk li huma satanisti jagħmlu ġesti straordinarji bħal persuni li huma posseduti mix-xitan? It-tweġiba hija: Le! Is-satanista li jikkonsagra ruħu lix-xitan, anki jekk dan jagħmlu b'deċiżjoni ħielsa tiegħu, ma jurix fih innifsu s-sinjali li jiġu mill-ħidma straordinarja tax-xitan. Dan għaliex ix-xitan lil dawk in-nies li huma 'tiegħu' ma jittormentahomx bil-fenomeni tipiċi tal-vessazjoni jew tal-possessjoni, **sakemm jibqgħu taħt idejh**. Imma jekk kemm-il darba, il-persuna li qabel kienet ikkonsagrata lix-xitan, tiddeċiedi li tikser il-patt tagħha miegħu, allura x-xitan jordna li din il-persuna ssofri l-effetti kollha tal-vessazjoni jew possessjoni dijabolika. Dan isir għax, peress li x-xitan huwa supperv, ma jridx jitlef lil min kien ikkonsagra ruħu lilu u għalhekk permezz tat-tbatija u t-tfixkil jipprova jikkonvinċi lill-persuna biex tonora l-patt li qabel tkun għamlet miegħu. Satana ma jaċċettax faċilment li dawk li taw lilhom infushom lilu jkollhom mill-ġdid il-libertà. Dan żgur jikkonfermawh ħafna mill-eżorċisti li affrontaw problemi ta' dan it-tip.



# It-Tarka u x-Xabla



## IL-ĠIDRI R-RIĦ U L-ĦRUQ TA' SANT' ANTNIN

**Il-Ġidri r-riħ (Chicken pox), hija marda infettiva li għadha taffettwa ħafna tfal u kbar li m'għandhomx protezzjoni kontriha. F'Malta dawn l-aħħar erba' snin, medja ta' 500 każ ta' ġidri r-riħ ġew irrappurtati lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika kull sena. Bħal mard infettiv ieħor, eż. ħożba, teżisti tilqima effettiva li tista' tilqa' kontra din l-infezzjoni.**

Il-ġidri r-riħ hija marda komuni ħafna fost it-tfal. Dan għaliex tittieħed faċilment ħafna meta jkun hemm kuntatt mil-qrib bejn persuna u oħra, bħal ma jiġri s-soltu qalb it-tfal. Iżda waqt li fit-tfal din il-marda, is-soltu tgħaddi mingħajr konsegwenzi, fil-kbar tista' tkun iktar serja.

Il-marda ġeneralment tagħti d-deni, telqa ġenerali, u raxx li jibda' fuq il-wiċċ jew iż-żaqq u d-dahar u jixtered għal fuq l-idejn u s-saqajn. Dan ir-raxx jibda' dbabar ħomor bil-ħakk, u wara ftit jibda' jrabbi l-bżieżaq. Wara ftit il-bżieżaq jinxfu u jitfarfru, u d-deni jinżel.

Il-virus li jikkawża din il-marda jissejjaħ Varicella-Zoster. Dan jittieħed minn persuna għall-oħra bl-għatis u s-sogħla, jew b'kuntatt dirett mar-raxx, jew b'taqtir mikroskopiku mir-raxx stess. Iż-żmien li persuna tkun infettiva huwa minn jumejn qabel joħroġ ir-raxx sa ma jinxef ir-raxx, u l-ġidri r-riħ tista' ddum sa tliet ġimgħat biex toħroġ wara li persuna tiġi f'kuntatt mal-virus.

Wara li tgħaddi l-marda, il-ġlsem irabbi l-immunità kontra l-ġidri r-riħ u din ma terġax toħroġ. Il-virus, iżda ma jitlaqx, imma jorqod fil-ġisem. Iktar il-quddiem, meta jsib l-immunità tal-ġisem baxxa, dan jerġa joħroġ bl-istess tip ta' raxx, iżda lokalizzat bħala l-Ħruq ta' Sant' Antnin *(Herpes Zoster/Shingles)*.

Fil-kbar, il-ġidri r-riħ tista' jkollha kumplikazzjonijiet serji bħal infezzjoni tal-pulmun (*pulmonite*) jew tal-moħħ (*enkefalite*), u tista' f'ċerti każijiet anki tkun fatali. It-tipjip iżid dawn ir-riskji. Il-ġidri r-riħ fit-tqala ukoll iżżid dawn ir-riskji, minbarra r-riskji għat-tarbija, li jiddependu mill-waqt li tkun waslet fiha t-tqala fiż-żmien li toħroġ il-marda.

## IT-TARKA

- *Persuna bil-ġidri r-riħ għandha żżomm xugamani u ħwejjeġ għaliha biss sakemm tkun infettiva, u m'għandhiex titħallat ma' nies li jistgħu jieħdu din il-marda, speċjalment nisa li jistgħu ikunu tqal.*
- *It-tilqima kontra l-ġidri r-riħ effettiva f'xi disgħa minn għaxar persuni li jieħduha u tista' tingħata lit-tfal u lill-kbar li għadhom ma ħarġuhiex.*
- *It-tilqima m'għandhiex tingħata waqt it-tqala, u evita t-tqala sa tlett xhur wara t-tilqima.*
- *Jekk inti tqila u ġejt f'kuntatt mal ġidri r-riħ, kellem lit tabib tiegħek immedjatament biex jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa.*
- *Jekk m'intix ċert ħadtx il-ġidri r-riħ meta kont tfal, test tad-demm jgħidlek intix protett/a meta tiġi f'kuntatt ma' każ.*
- *Ir-raxx tal-Ħruq ta' Sant'Antnin għandu jitgħatta jekk possibli għax jista' jittrasmetti l-virus, li mbagħad jikkawża l-ġidri r-riħ f'dawk li m'humiex protetti kontriha.*



## IX-XABLA

- *Fil-kbar bil-ġidri r-riħ, tista' tingħata mediċina kontra l-virus. Fit-tfal nittrattaw is-sintomi bħad-deni u l-ħakk.*
- *Il-ġidri r-riħ waqt it-tqala għandu jiġi ttrattat fuq bażi individwali.*
- *Qtugħ ta' nifs jew konfużjoni tal-moħħ fil-ġidri r-riħ huma sintomi serji. Kellem lit-tabib immedjatament.*
- *Ir-raxx tal-Ħruq ta' Sant' Antnin, minbarra l-ħakk, jista' jikkawża nevralġija u uġigħ għal xhur wara li jgħaddi. Il-pilloli kontra l-virus jistgħu jevitaw dan jekk jingħataw kmieni biżżejjed.*

**Nixtiqilkom is-saħħa.**

*Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha.* •



# TIFKIRA TA' ANSELMU BARTOLO OFMCap 1932 – 2007

"Kollox għandu żmienu, u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema: żmien li titwieled, u żmien li taħsad l-imħawwel" (Koħ 3:1-2).

**Huwa b'dan il-kliem meħud mill-ktieb ta' Koħolet li bih inġabret il-ħajja ta' Patri Anselmo Bartolo waqt l-Omelija tal-funeral tiegħu. Huwa ngħaqad mal-ġemgħa ta' missirijietna nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2007.**

## IT-TFULIJA

Frott l-imħabba ta' Mikiel u Mary fiż-żwieġ tagħhom twieldu erba wlied. Fis-17 ta' Frar 1932, twieled Ġużeppi. Huwa ġie mgħammed fil-knisja ta' Bormla fejn irċieva wkoll l-ewwel sagramenti.

Kienu żminijiet ta' faqar u ta' għaks, wisq aktar meta ftit snin wara faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija li matulha t-tfajjel Ġużeppi tilef lill-għażiż missieru. Matul dan iż-żmien ta' biża' u twegħir, il-familja Bartolo telqet minn Bormla u marret toqgħod Ħaż-Żabbar. Hawnhekk Ġużeppi daħal fil-MUSEUM u kien membru attiv, kif ukoll abbati fil-knisja f'dan il-lokal.

## FL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN

Ħaż-Żabbar mhuwiex 'il bogħod wisq mill-kunvent tal-Kapuċċini ta' Santa Liberata fil-Kalkara. Dan hu wieħed mill-fatturi li għen sabiex numru ta' Aħwa tagħna minn din il-lokalità setgħu jsiru Kapuċċini. Minbarra hekk, xi Aħwa oħra kienu jmorru spiss Ħaż-Żabbar jiġbru ċ-ċirka minn dar għal dar.

Dan il-kuntatt għen biex f'qalb iż-żagħżugħ Ġużeppi tinżera u tinbet ix-xewqa li jsir Kapuċċin, kif fil-fatt ġara. Fl-età ta' 15-il sena, huwa ħalla l-familja tiegħu u ġie aċċettat biex jibda s-sena tan-novizzjat fil-kunvent tagħna ta' Għawdex. Fit-30 ta' Novembru 1947, huwa għamel il-Vestizzjoni flimkien ma' għaxar kandidati oħra f'idejn P. Lawrenz minn Bormla u ngħata l-isem ta' Fra Anselmu minn Bormla. Sena wara, jiġifieri fit-12 ta' Diċembru 1948, Fra Anselmu għamel il-Professjoni Sempliċi flimkien ma' sħabu l-oħra f'idejn il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni li nzerta kien Malta, Patri Klement minn Milwoukyi.

Minn Għawdex, Fra Anselmu flimkien ma' sħabu l-oħra marru fil-kunvent tal-Kalkara biex jibdew il-kors tal-Filosofija. Kien f'dan il-kunvent illi fit-22 ta' Frar 1953, Fra Anselmu għamel il-Professjoni Perpetwa flimkien ma' Fra Ġeswaldu minn Ħaż-Żabbar f'idejn il-Provinċjal ta' dak iż-żmien,





Patri Crispin minn Għawdex. Mill-Kalkara Fra Anselmu mar fil-kunvent tal-Florjana biex jibda u jtemm l-istudji tat-Teoloġija li wasluh għall-Ordinazzjoni Presbiterali. Din saret fit-22 ta' Diċembru 1956 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi. Fis-6 ta' Jannar 1957 mbagħad, Patri Anselmu qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu b'ringrazzjament lil Alla għad-don ta' l-Ordinazzjoni Presbiterali fil-knisja tagħna tal-Florjana, li matulha Patri Donat Spiteri kien għamel l-omelija ta' l-okkażjoni.

## MINISTERI FIL-PROVINĊJA

L-ewwel ħidma ta' dan is-saċerdot novell kienet dik ta' viċi-direttur ta' l-Istudenti fil-kunvent ta' Santa Liberata u Chaplain f'De La Salle College fil-Kottonera.

Fl-1959 Patri Anselmu ġie mibgħut biex jifforma parti mill-fraternità tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Il-ħidma assenjata lilu hemmhekk kienet dik ta' viċi-kappillan u organista fil-knisja. Din il-ħidma P. Anselmu ħadha b'serjetà kbira u rabatha mal-ministeru saċerdotali tiegħu. Huwa kien fehem kif permezz tal-mużika sagra, iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, speċjalment il-quddiesa, tista' ssir mezz ta' sursum corda, mezz li bih "nerfgħu qlubna 'l fuq." U hekk kien. Huwa ma damx ma beda jieħu ħsieb il-kor ta' din il-parroċċa bl-isem ta' Marsa Choir u hawnhekk sab l-għajnuna kbira tal-pjanista s-Sinjura Mary Flores.

Min]abba bżonnijiet li nqalgħu fil-Provinċja matul is-sena 1964 huwa ta s-sehem tiegħu bħala Kappillan fil-ħabs ta' Kordin u fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid. Iżda ma damx wisq, għaliex wara l-Kapitlu Provinċjali ta' l-1965 huwa ġie mitlub sabiex imur jaħdem bħala Kappillan fl-Isptar San Luqa.

Dan l-appostolat mal-morda fetaħ lil Patri Anselmu toroq ġodda u wiesa'. Kien appostolat li P. Anselmu daħal għalih b'dedikazzjoni kbira u li pprova jinvolvi ħafna ruħu fih, tant illi l-kuntatt tiegħu ma' tant tobba u morda wasluh sabiex jibda juri interess speċjali biex isir jaf aktar fuq il-mediċina u l-kura fiżika. Fl-1971 Patri Anselmu ġie mitlub sabiex mill-Isptar San Luqa jmur jaħdem bħala Kappillan fl-Isptar King George V, illum magħruf bħala l-Isptar Boffa, fil-Florjana, fejn dam jaħdem sa l-1986. F'din l-istess sena mbagħad P. Anselmu rċieva l-Ubbidjenza sabiex jibdel il-fraternità, minn dik tat-Trinità Qaddisa għal dik ta' Marija Reġina fil-Marsa stess, filwaqt li mill-Isptar Boffa huwa ġie assenjat bħala Kappillan fl-Isptar Rużar Briffa fejn dam jaħdem kważi sal-Kapitlu Provinċjali ta' l-1995.





## BNIEDEM EVANĠELIKU

Minkejja li Patri Anselmu kien iħobb ħafna l-mużika u l-kant, huwa kien ta' karattru pjuttost sieket. Hekk turi l-preżenza tiegħu f'dawn il-postijiet li fihom ħadem. Minbarra s-skiet tiegħu, huwa kien patri ta' umiltà kbira, żewġ karatteristiċi li kienu jispikkaw fil-persuna tiegħu li dejjem kont tarah liebes iċ-ċoqqa, bil-kuruna ċċekċek mal-kurdun imdawwar ma' qaddu, u bil-baffi twila li kellu. In-nies li għexu miegħu setgħu jinnutaw dan il-karattru tiegħu kif tixhed waħda mill-ittri li dehret f'diversi ġurnali lokali wara l-mewt tiegħu:

**"Lil Patri Anselmo ... mill-ewwel laqtitni is-sempliċità tieg]u, Patri twajjeb minn Bormla, iben il-ħaddiema. Għalkemm kien bniedem intelliġenti... però qatt ma ftaħar b'dak li kien jaf. Għex f'sempliċità ta' iben dehen ta' Franġisku t'Assisi."**

Dan kollu Patri Anselmo kisbu mill-waqtiet ta' talb li kien jgħaddi kuljum. **"F'ħinijiet differenti tal-ġurnata kien ikun fil-kappella quddiem is-Sagrament." Hekk stqarr Patri Pawl Bugeja fl-Omelija tal-funeral meta kompla jgħid: "Meta l-bieraħ ma rajtux fir-reffittorju mort infittxu l-ewwel il-kappella."**

Dawn il-waqtiet ta' talb, P. Anselmo rnexxielu jsarrafhom b'mod konkrett fil-ħajja tiegħu. Huwa għex kliem Ġesù meta fid-Diskors tal-Muntanja wissina: **"Meta tagħmel karità, idek ix-xellugija ma għandhiex tkun taf x'hini tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu"** (Mt 6:3-4). Hekk kompla jixhed il-kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Reġina, meta rrivela kif P. Anselmo wara kien jirċievi mingħand il-Gwardjan l-istipendju ta' kull xahar, kien imur iħabbatlu fuq il-bieb, jagħtih il-flus u jgħidlu: **"Ha dawn għall-foqra."**

Tassew li Patri Anselmu kien bniedem evanġeliku! Huwa kellu mħabba kbira lejn il-Kotba Mqaddsa, u minkejja li forsi kien iħossu xi ftit limitat, huwa kien ifittex li jkun jaf aktar biex ikollu x'jagħti lill-oħrajn, speċjalment fil-Bible Prayer Group li kien jieħu ħsieb fil-parroċċa ta' Marija Reġina.

Fit-22 ta' Diċembru 2006 Huna Anselmu mexxa quddiesa kkonċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' Marija Reġina b'ringrazzjament tal-Ħamsin Sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet tassew "ewkaristija", kif etimoloġikament tfisser il-kelma griega eucharistein: radd-il ħajr. Ma kienx issa fadal wisq żmien biex Patri Anselmu jisma' l-kliem tal-parabbola ta' Ġesù dwar is-sid li siefer u rritorna "wara ħafna" biex jibda "jagħmel il-kontijiet" mal-qaddejja tiegħu (ara Mt 25:14-30).

Filgħodu tat-Tlieta 29 ta' Mejju 2007, Patri Anselmu niżel iqaddes il-quddiesa bħas-soltu. Imma din il-quddiesa kellha tkun għalih l-aħħar waħda. Żgur li mhux b'kumbinazzjoni li matulha huwa sema' jiġi pproklamat il-kliem ta' l-Evanġelju li fih Pietru jgħid lil Ġesù: **"Tajjeb! Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk."** U bħala tweġiba Ġesù jgħidlu: **"Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba fija u l-Evanġelju jħallu lil darhom jew lil ħuthom jew lil ommhom jew lil missierhom jew lil uliedhom jew l-għelieqi tagħhom, ma hemm ħadd fosthom li minn issa, f'din id-dinja stess, ma jirċevix, għal mitt darba iktar, djar, aħwa, subjien u bniet, ommijiet, ulied u għelieqi flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej"** (Mk 10:28,30).

B'dan il-kliem f'qalbu u moħħu, Patri Anselmo għadda għall-ħajja ta' dejjem. Hekk kif għall-ħabta ta' nofsinhar meta l-Aħwa tal-fraternità ta' Marija Reġina nġabru għall-ikel, innutaw li P. Anselmo ma kienx hemm bħas-soltu. P. Pawlu Bugeja u P. Victor Spiteri marru jħabbtulu fuq il-bieb tal-kamra u hemmhekk indunaw li Patri Anselmo kien għadu kemm għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-età ta' 75 sena. F'idejh kellu l-kuruna tar-Rużarju; dan kien l-aħħar Rużarju li Patri Anselmo talab bih.

## IL-FUNERAL

Il-funeral tiegħu sar l-għada, l-Erbgħa 30 ta' Mejju 2007 fil-knisja parrokkjali ta' Marija Reġina, il-Marsa. Il-quddiesa tmexxiet minn Mons. Paul Darmanin, Isqof ta' Garissa, li nzerta kien Malta, filwaqt li P. Pawl Bugeja, Kappillan ta' din il-parroċċa għamel l-omelija. Bosta Aħwa tal-Provinċja ħadu sehem filwaqt li l-kor tal-Gruppi ta' Patri Piju, li huwa kienu jieħu ħsieb, mexxa l-kant. Wara saret id-difna fl-oqbra tal-Provinċja fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. •



# IL-KONVENJU

**Wieħed mill-kuntratti l-aktar komuni li n-nies jiltaqgħu miegħu f'ħajjithom, huwa bla dubju l-kuntratt tal-konvenju. Dan huwa kuntratt importanti ħafna billi jirregola x-xiri tal-proprjetà li, m'hemmx għalfejn ngħidu, tiswa aktar mid-deheb.**

B'hekk billi l-konvenju jitratta kwistjoni daqshekk importanti għal minn ikun qed jixtri proprjetà u minħabba l-effetti tiegħu, wieħed għandu joqgħod attent ħafna għal dak li jkun se jinkiteb fil-konvenju. L-ewwelnett il-konvenju jew kif insubuh aħna l-avukati *promessa di compro-vendita*, m'huwa xejn ħlief kuntratt li fih persuna qed iwiegħed li se jbiegħ lill-persuna oħra li minn naħa tagħha twiegħed li se tixtri xi oġġett, inkluż proprjetà immobiljari b'numru ta' kondizzjonijiet u li fi żmien partikolari jsir il-kuntratt finali ta' trasferiment ta' dak l-oġġett.

Li huwa importanti li wieħed iżomm f'rasu huwa li dawk il-kondizzjonijiet kollha marbuta mal-konvenju se jibqgħu jorbtu fil-kuntratt finali u għalhekk fi kliem ieħor l-istadju li fih jinħadem il-konvenju huwa l-aktar mument importanti billi jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet tal-bejgħ. Bħala kondizzjonijiet jista' jkun hemm diversi u jiddipendu minn natura ta' dak il-bejgħ partikolari. Naturalment l-aktar kondizzjonijiet importanti huma dawk li jsiru r-riċerki fuq l-proprjetà li se tiġi akkwistata u kif ukoll li jkun hemm ispezzjoni ta' perit sabiex jikkonferma li l-istruttura hija tajba. F'ħafna każijiet ukoll, ix-xerrej ikun qed jissellef mill-bank u għalhekk tiġi normalment introdotta klawsola fejn tagħti l-opportunità lix-xerrej jakkwista s-self qabel ma jkun marbut li jixtri. Barra minn hekk L-element taż-żmien fil-konvenju huwa essenzjali. Tant li jekk għal xi raġuni l-partijiet ma jaqblux fuq iż-żmien li fih il-kuntratt finali għandu jsir, il-liġi awtomatikament tistabbilixxi terminu ta' tliet xhur. It-terminu kemm jekk impost mil-ligi kif ukoll jekk maqbul bejn il-partijiet importanti billi jiddefinixxi l-ħajja tal-konvenju, cioè dak il-konvenju jkun jiswa sakemm dak it-terminu jkun għadu għaddej. Wara li jiskadi dak it-terminu l-konvenju jkun mejjet.

X'jiġri mat-tmiem it-terminu jiddipendi fuq in-natura tal-konvenju li sar. Fil-fatt is-saħħa tal-kuntratt tal-konvenju tidher meta t-terminu jkun kważi skorra u xi wieħed mill-partijiet ma jkunx għadu dispost li jersaq għall-kuntratt finali. Wieħed għandu joqgħod b'għajnejh miftuħa għall-kondizzjoni tad-depositu billi l-konvenji jistgħu jkunu ta' żewġ forom li naturalment jkollhom effetti differrenti. Dawn iż-żewġ forom jistgħu jkunu jew fil-forma ta' depositu jew ta' kapparra. Meta f'konvenju jitħallas id-depositu l-partijiet jkunu qishom ġà bdew jbiegħu l-oġġett inkwistjoni u għalhekk ma jistgħux jagħżlu li ma jersqux għall-kuntratt finali (sakemm ma jkunx hemm raġuni valida skond il-konvenju stess). Jekk waħda mill-partijiet tibqa' tinsisti li ma tersaqx il-parti l-oħra jkolla dritt li qabel ma jintemm it-terminu tipperżenta ittra uffiċjali kontra dik l-parti l-oħra titolbu jersaq għall-kuntratt. Jekk dan xorta ma jseħħx dik il-parti jkollha d-dritt li fi żmien xahar minn meta l-konvenju jiskadi tipperżenta kawża fejn titlob il-Qorti sabiex il-parti l-oħra tersaq għall-kuntratt finali. Mill-banda l-oħra jekk il-ħlas li jsir fuq il-konvenju jkun bħala kapparra, l-affarijiet jkunu ferma differenti billi l-partijiet jistgħu jagħżlu li ma jersqux u l-konsegwenza tkun li jridu jħallsu penali li tikkonsisti f'telf tad-depositu jew ħlas tad-dopju tad-depositu.

Fl-artiklu li jmiss nidħol f'aktar dettall fuq xi kondizzjonijiet importanti fil-konvenju. •



**Patri, jiena raġel miżżewweġ. Kont naħdem f'post fejn il-bejgħa kienet mħallta sew. Miegħi kienu jaħdmu nisa żgħar, ta' mezza età u anki ta' età ftit avvanzata. Il-ħajja tax-xogħol ma tantx għenitni biex nitħarreġ fil-fedeltà fiż-żwieġ, anzi tagħtni l-lok biex infittex l-okkażjoni tad-dnub. Jiddispjaċini ngħid li maż-żmien sirt kapaċi nitkixxef sew fuq dik u fuq l-oħra, x'minnu ż-żwieġ ta' dik u ta' oħra, u bdejt insir naf bl-istejjer. Dan it-tagħrif servini biex inkun naf kif għandi nittanta lil ċerti nisa li kelli ġibda lejhom. Dejjem wasalt fejn ridt jien, jiddispjaċini ngħid. Kont naf fejn hu l-punt deboli tagħhom, u kont narmalhom t-trabokk u naqbadhom. Issa pensjonant, ftaħt għajnejja sew fuq il-ħażen tiegħi u tgħidx kemm jien iddispjaċut għal dak li għamilt. Alla jaħfirli? X'irrid nagħmel biex inpatti għad-dnubiet ta' adulterju u infedeltà li kkomettejt?**

***Patri William iwieġeb…***

*Nibda biex ngħid li huwa minnu li l-ħajja tax-xogħol mhux ħafifa mill-aspett spiritwali u morali, iżjed u iżjed fejn ikun hemm it-taħlit, imma b'daqshekk ma jfissirx li wieħed irid jintelaq. Kien hawn ħafna irġiel li fuq ix-xogħol iltaqgħu mat-tentazzjoni, baqgħu subgħajhom dritt u ssaħħu u kibru fil-fedeltà lejn marthom. Iż-żwieġ tagħhom għamel qabża ta' kwalità fejn jidħol l-ikbar valur taż-żwieġ, għax il-fedeltà tikber meta tkun sfidata.*

*Hemm mbagħad miżżewġin oħrajn li, għax ma kinux ippreparati għal ċerti ambjenti ta' ħajja fuq ix-xogħol, iltaqgħu mat-tiġrib u baqgħu taħtu. Inti sibt ruħek f'post fejn ma ġarrabtx it-tentazzjoni passivament, imma kont inti stess li fittixtha u ħmejtha bil-manuvri li semmejt. Dan ifisser li inti kont immatur emozzjonalment u sesswalment. Kont brikkun u ħajjen. Ikkomplikajt il-ħajja miżżewġa ta' sħabek nisa. Qed ngħid hekk għax dawn diġà kellhom ċerti problemi fiż-żwieġ tagħhom u komplew jittaqqlu bid-dnubiet li għamlu, għax kont int li ttentajthom u waqqajthom. Imma Alla ħanin bil-bosta u jaħfirlek id-dnubiet li għamilt għax tinħass li inti niedem. Alla wegħdna li jekk nindmu mill-ħażen li nkunu għamilna – kbir kemm ikun kbir dan il-ħażen - hu jaqbad dnubietna u jwaddabhom fil-qiegħ tal-baħar, jew jixħethom taħt saqajh (Mik7:19).*

*Xi trid tagħmel barra qrara tajba mimlija ndiema u ferħ nisrani? Tħobb ħafna lil martek u tfittex li tħobbha seba' darbiet iżjed milli ħabbejtha s'issa, billi tkun ħafna fidil lejha. Trid ukoll titlob għal dawk in-nisa li seħibthom miegħek fid-dnub taż-żiena. Iva, irrikmandahom ta' spiss 'l Alla. Offri xi quddiesa jew agħmel xi sawma għall-bżonnijiet spiritwali tagħhom.*

*Inħallik billi nfakkrek f'erba' kelmiet li ħarġu mill-pinna taħraq ta' San Pawl:* ***"Bħalma l-membri ta' ġisimkom kontu jassartuhom għaż-żina u l-ħażen, hekk issa dawn l-istess membri jassruhom għall-ġustizzja biex tkunu qaddisin"*** *(Rum 6:19).* •






# Limerikki

minn Tony C Cutajar

## L-AMBJENT

L-ambjent suġġett wisq popolari,
kulħadd irid siġar u qsari;
żibel, ħmieġ bil-bosta
fit-triq, fuq il-kosta;
hemm mhux tiegħi – nadif ġo dari!

# INT KOLLOX

minn Patri Wistin Attard OFMCap

'il fejn Mulej se nħares
U mħabbtek ma narax?
Lejn xiex widinti ndawwar
U leħnek ma nismax?

Jekk ħsiebi ngħaddas fl-ibħra
Il-qroll bħal-lwien ħaddejk.
Jekk fl-ogħla sema nħares
Ix-xmux imsejbaħ ħdejk.

Jekk nidħol f'qalb il-ħlejjaq
Taħbita waħda nħoss.
Mill-qalb li sama' Ġwanni
Bla heda jidwi l-ħoss.

Il-ħemda tal-muntanji,
Il-ħmura tal-vulkan,
L-għajjat tal-mewġa ssabbat,
Xofftejk fis-skiet, daħkan.

Mulej, Mulej min qribek?
Taħt riġlek is-sultan.
Il-mitraħ l-ogħla sema
Int biss, int is-setgħan.

Aħkimni, imħabba waħdek
Marsus f'paliet idejk.
Irfisni, isħaqni, imbasta
Tħallini nibqa' ħdejk.

Bogħod minnek hemm mil-kesħa,
Bogħod minnek baħħ u swied.
Il-ħajja mejta m'n għajrek
Fi ħdanek biss il-fsied.

Fissidni ħalli ntiegħem
Il-benna ta' dirgħajk.
Int kollox għal dil-ħliqa
Li għoġbok tħobb minn rajk.

# L-imħabba Tirbaħ

**Luigi minn dejjem kien fil-ħajja tiegħi. Sa minn meta konna żgħar flimkien fl-iskola primarja, hu li kien tliet snin akbar minni, kien jieħu ħsiebi ħafna; kien qisu l-kustodju tiegħi; il-bodyguard tiegħi. Konna noqogħdu f'parti popolari tar-raħal fejn kienu jgħixu ħafna nies u fejn kulħadd kien jaf lil xulxin. Ħadd ma qatt ipprova jagħtini fastidju għax il-preżenza ta' Luigi mibni b'saffejn kienet biżżejjed biex tgerrex lil min kellu intenzjoni ħażina.**

Meta bdejna nitfarfru, konna anki noħorġu xi passiġġata flimkien waħedna, dejjem bl-approvazzjoni tal-ġenituri tagħna. Kulħadd kien jaf li konna ninġiebu, imma ħadd qatt ma ħaseb li konna namrati. Iżda meta xi ħadd ipprova jindiehes miegħi, hemm kienet teħtieġ l-approvazzjoni ta' Luigi. Mad-daqqa t'għajn Luigi kien jinduna jekk kienx jgħodd għalija jew le.

Meta kelli madwar 16-il sena, iltqajt ma' Paul waqt riċeviment. Billi deher li kien ta' l-affari tiegħu, aċċettajt li niżfen miegħu. Talabni biex l-għada noħroġ miegħu u billi deher tal-galbu, edukat u serju, aċċettajt. Il-kummenti ta' Luigi dwaru kienu pożittivi wkoll. Kien lil Paul li tajt l-ewwel bewsa.

Meta sħabi raw dak li kien qed jiġri, malajr qaluli: **'Mela m'għadekx tiffansja lil Luigi?'** Infqajt nidħaq, għax Luigi kien biss għalija qisu ħija. L-imħabba kienet ħaġ'oħra.

F'dik l-età kont diġà bdejt noħlom li llum jew għada għad ikolli l-prinċep tiegħi, li jkun iħobbni u nkun inħobbu u li ninħall fit-tgħannieqa ta' dirgħajh. F'kelma waħda li nkunu ta' xulxin għal dejjem. L-Imħabba veru kienet ħaġ'oħra għax wara ftit ġimgħat jiena u Paul indunajna li konna differenti ħafna minn xulxin. Ma konna naqblu f'xejn u ħsibna li jkun aħjar jekk nieqfu għal xi żmien ta' riflessjoni.

Darba waħda Luigi qalli li kellu jitlaq mir-raħal tagħna għax ried imur l-Università li kienet 'il bogħod ġmielha. Jiena nħsadt għal din l-aħbar xejn mistennija. Luigi nduna u qalli malajr, malajr: **"Tħabbilx rasek, Maria, għax fi tmiem il-ġimgħa nibqa' niġi r-raħal. Jiena u int nibqgħu ħbieb għal dejjem"**. Ipprova jassigurani.

Baqa' jagħmel hekk għal xi xhur, imma fl-aħħar waqaf. Tmiem il-ġimgħa kien beda jgħaddih il-bogħod minni. Għaddiet xi sena u darba ltqajt mal-kuġina ta' Luigi li staqsietni jekk kontx naf li aktarx kien se jiżżewweġ. Din l-aħbar kienet għalija bħal sajjetta fil-bnazzi. Meta ġejt f'tiegħi u staqsejtha lil min u hi weġbitni li minn ftit taż-żmien 'l hawn



kien hemm tfajla li kienet qed toqgħod fl-appartament miegħu u forsi kienet se tiżżewwġu.

Bħala l-akbar ħabib li qatt kelli, suppost kelli nkun ferħana għal din l-aħbar, iżda minflok tefgħetni f'baħar ta' niket. Ħassejt min bħal tani daqqa ta' ponn.

Minn dak in-nhar bdejt nagħmel ħilti biex ma naħsibx aktar f'Luigi għax deherli li fit-triq li kien qabad ma kienx hemm aktar post għalija.

F'għeluq snin il-ħabiba tiegħi xi ħadd laqqagħni ma' Marco, ġuvni sabiħ u twil li ħassejtu jiġbidni lejh. Għajnejna ltaqgħu. Żfinna flimkien u tul is-serata bqajna l-ħin kollu flimkien. Qabel infridna talabni biex l-għada nerġgħu niltaqgħu u hekk għamilna. Marco u jiena konna qbilna ħafna flimkien. Bil-mod il-mod donna bdejna nsiru nħobbu lil xulxin u wara ftit xhur tgħarrasna. Deherli li fl-aħħar wasal il-prinċep tiegħi – dak li kont noħlom bih. Imma, veru hekk kien? Kont spiss nistaqsi lili nnifsi għax ma kontx żgura. Marco kien jidher li jħobbni ħafna. Jiena kont insibni tajba miegħu. Ħbiebi kienu kważi jgħiru għalija li sibt ġuvni bħal Marco. X'ridt aktar minn hekk jien?

Jum fost l-oħrajn, hekk kif bdejt nixxotta wara li ħadt il-banju, ħassejt għoqda żgħira taħt sidri. 'Alla magħna!' għidt bejni u bejn ruħi. U minn dak il-ħin beda għaddej żmien ikrah minn fuqi. Mill-ewwel irrealizzajt li kelli tumur f'sidri. Bdejt niġġieled miegħi innifsi għax ta' 25 sena kont għadni żgħira wisq biex immut. Mort għand it-tabib u dan qalli li l-fatt li kont għadni żgħira kien jiggrava s-sitwazzjoni. Għamilt il-kuraġġ u ddeċidejt li niġġieled għal ħajti. Malajr malajr operawni u dak in-nhar stess filgħaxija ħbiebi kollha ġew jarawni. Imlew il-kamra ta' l-isptar fejn kont.

Ħaġa ta' l-iskantament, Marco ma tfaċċax. Kont imdawra b'dawk kollha li kienu jħobbuni iżda Marco ma kienx magħhom. Aktar tard ċempilli u staqsieni kif kont. Għidtlu li kont imħassba li ma ġiex jarani. Qalli li kien iħossu mbażża' u li l-mard u l-inkwiet iħawduh. Imma qabel qata' aċċertani li kien se jagħmel sforz u jiġi jarani. Nistqarr li ma emmintux. Għaddew il-ġranet u Marco baqa' ma tfaċċax. Sirt naf mingħand ħabiba tiegħi li ma kienx baqa' joqgħod fir-raħal tagħna. Ma ridtx nemmen li anqas kellu l-kuraġġ li jiġi almenu jsellimli.

Hekk kif kont se nibda t-terapija, it-tabib għarrafni b'dak li kelli ngħaddi minnu. Ma ħadtx pjaċir imma ma kienx hemm x'nagħmel. Kelli nirrassenja ruħi għal dak li kelli ngħaddi minnu. Meta kont nagħmel xagħri kont insib li beda jaqa' għoqod għoqod. Meta ommi rat hekk anki hi bkiet.

Għodwa waħda waqt li kont id-dar u qed norbot xalla ma' rasi, ħabbat il-bieb. Ftaħt u sibt ma' wiċċi lil Luigi. Inblajt u ma flaħtx inlissen kelma waħda. Luigi kellu f'idejh beritta tal-jeans. Neħħieli x-xalla minn ma' rasi u libbisni l-beritta. Qalli: **"Din tixraqlek aktar."** U biesni fuq imnieħri. Għannaqna lil xulxin u t-tnejn infexxejna f'bikja kbira. Wara ftit tal-ħin Luigi rabba' l-kuraġġ, ħares f'għajnejja u qalli: **"Minflok għannaqtni, aktar kien jixraqli kieku tajtni bil-ħarta u keċċejtni. Ma jixraqlix inkun ħabib tiegħek għall-mod kif sparixxejt minn ħajtek. Ara xi ġralek għax ma kontx miegħek. Imradt. Kieku bqajt hawn ma kienx jiġrilek hekk."** Ma kontx naf jekk nibdiex nidħaq jew nibki. Biex niċċajta għidtlu: **"Tgħid ma kontx tagħti bil-ponn lill-marda li ġiet fuqi?" "Iva, hekk kont nagħmel,"** weġibni b'leħen sod.

Luigi, il-ħabib tal-qalb tiegħi, kien reġa' qiegħed miegħi.

Ridt inkun naf x'sar mit-tfajla li kellu jiżżewweġ. Kollu skantat, qalli: **"Xi tfajla hi?"** Imma malajr induna li fin-nofs kien hemm nuqqas ta' ftehim min-naħa tal-familja tiegħu; li daħħluha f'rashom li t-tfajla li qasmet l-appartament miegħu kienet se tiżżewġu. Luigi qalli: **"Jiena ħabiba tal-qalb waħda għandi u ħadd iżjed. Jiena impenjat miegħek."** Għal dan il-kliem ħadt nifs il-ġewwa u qalbi straħet.

Luigi baqa' miegħi, jieħu ħsiebi u jiġi miegħi kull meta kien imissni mmur għat-terapija. Meta t-tabib qalli li ma kellix bżonn aktar kura, Luigi ħatafni u għannaqni miegħu. Beda jbusni fuq ħaddejja u jdur bija mal-kamra taħt għajnejn it-tabib li tbissem hekk kif ra dik ix-xena. Dak il-ħin irrealizzajt min kien il-prinċep li kont ili noħlom bih għal ħafna snin.

Għaddew ftit xhur, tgħarrasna u żżewwiġna u llum għandna tifla l-ġmiel tagħha li hija l-għaxqa tagħna t-tnejn.

Mill-operazzjoni 'l hawn, għaddew tmien snin. Jiena nħossni f'saħħti u kuntenta fil-ħajja li qed naqsam ma' żewġi Luigi u bintna Rosa. •



# IL-PAPA BENEDITTU PARADOSS?

Ta' kull sena t-TIME Magazine ixandar 100 isem ta' l-iktar nies influwenti li bl-aġir u l-karattru tagħhom qed ibiddlu l-istorja tad-dinja. Fosthom hemm mexxejja, xjenzjati, eroj, pijunieri u anki artisti. Dawn mhumiex bilfors nies popolari jew ta' qawwa kbira. Huma nies li bl-ideat u l-eżempju tagħhom qed ikollhom influwenza kbira fuq il-kumplament tad-dinja.



Fost it-tmien mexxejja ta' pajjiżi kbar jissemma wkoll il-Papa Benedittu XVI li jiġi msejjaħ **"ir-ribell mhux mistenni tal-Vatikan"**. L-artiklu qasir inkiteb minn Vittorio Messori, l-awtur ta' The Ratzinger Report. Huwa jgħid hekk:

Qatt ma kien se jkun faċli timxi fuq l-eżempju ta' bniedem bħal Karol Wojtyla, Papa kollu 'kuluri', bil-kapaċitajiet kbar tiegħu bħala predikatur u attur. Kulħadd ħaseb li meta Joseph Ratzinger, ta' tmenin sena, laħaq Papa, il-folol fi Pjazza San Pietru kienu se jonqsu bil-kbir u l-interess fil-Kap tal-Knisja jispiċċa għal kollox. Iżda ġara l-oppost. U hemm jidher il-paradoss fil-Papa Benedittu XVI: Għaliex il-Kattoliċi (u oħrajn ukoll) huma miġbuda lejn bniedem intellettwali li mhux lest li jċedi, li jgħid affarijiet diffiċli (bħad-diskors li għamel f'Settembru f'Regensburg dwar il-fidi u l-vjolenza u li rrabja tant lill-Musulmani) u li ma jinnegozjax fejn għandu x'jaqsam -Evanġelju?

Xi jġiegħel tant nies jersqu lejn dan il-bniedem fraġli li jitkellem pulit u bil-mod mingħajr ma jċaqlaq idejh, mingħajr qatt ma jagħmilha ta' attur? Mix-xeħta teżisti bħal ġibda sigrieta lejh, bħallikieku ħafna jħossuhom jinġibdu lejn dak li hu reliġjuż minħabba x-xhieda tal-ħsibijiet ta' Benedittu u l-ħajja sempliċi u umli li jgħix. Wara s-sentiment Slavoniku issa għandna s-serjetà Tedeska – kariżmi differenti li jikkonfermaw li l-Knisja Kattolika taf kif tagħmel spazju għal kull tip ta' temperament billi tħalli l-kwalitajiet umani ta' dawn in-nies differenti jispikkaw. •



# IL-ĦAJJA RELIĠJUŻA FL-AMERIKA LATINA

## SEHEM FL-ASSEMBLEA ĠENERAL TAL-CLAR

### IT-TEOLOĠIJA TAL-LIBERAZZJONI

Huwa ferm faċli li mill-Ewropa naslu sabiex nikkundannaw bla ebda riżerva t-teoloġija tal-liberazzjoni li twieldet u għadha ħajja fl-Amerika Latina. Dan għamiltu jiena stess meta kont għal kollox sajjem miċ-ċirkustanzi soċjali, politiċi u kulturali li fihom jgħix dan il-poplu. Illum nifhimha mod ieħor. Meta nitkellem dwar it-teoloġija tal-liberazzjoni fl-Amerika Latina ma nifhimx nirreferi għal dawk li jinqdew bl-Evanġelju u bi Kristu sabiex jużaw il-vjolenza, it-theddid u t-tpattija ta' **"għajn b'għajn u sinna b'sinna"**. Meta n-nisrani f'Isem l-Evanġelju jasal biex juża mezzi ta' vjolenza lanqas biss jisthoqqlu jissejjaħ nisrani. In-nar tal-vjolenza jintefa biss bl-ilma ta' l-imħabba, tal-maħfra u b'fidi fi Kristu rxoxt u rebbieħ.

It-teoloġija tal-liberazzjoni awtentikament Evanġelika tiffurmak, theġġek u tgħinek sabiex:

*i)* ***filwaqt li bħala nisrani, aktar u aktar bħala reliġjuż, ma tidħolx tagħmel parti mis-sinjuri fis-sens negattiv, jiġifieri li xxaqleb ma' min qed jaħqar, iwettaq inġustizzji u jesplojta lill-fqir u jfittex biss li jaħkem akkost ta' kollox;***

*ii)* ***li tagħmel l-għażla favur il-fqar f'sens ta' solidarjetà – bħal Kristu li kien għani u ftaqar għalina – sabiex issir protoganista ta' proċess ta' promozzjoni umana u spiritwali bil-mezzi li joffrilek l-istess Evanġelju.***

Dawn iż-żewġ aspetti jagħmlu lir-reliġjuż aktar profetiku, Evanġeliku u fidil għall-vokazzjoni tiegħu.

### SFIDI U DIFIKULTAJIET

Li tagħmel din l-għażla mhux faċli. It-tentazzjonijiet li tidħol fin-nasba ta' **"l-għonja oppressuri"**, għall-Knisja fl-Amerika Latina huma ħafna, attraenti u b'rikompensi materjali kbar. Però li bniedem tal-Knisja – hu min hu, mill-ogħla ministru fil-Ġerarkija sa l-inqas nisrani lajk komuni – jidħol f'dan l-istil ta' ħajja jkun traditur ta' l-istess vokazzjoni li jipprofessa. L-unika **"triq-għażla"** għan-nisrani awtentiku hija dik ta' Ġesù Kristu li ftaqar sabiex jgħani; hija dik ta' Marija fil-Magnificat: **"il-Mulej li għolla lill-umli u lill-għonja bgħathom 'il barra b'xejn"**; hija dik ta' San Franġisk t'Assisi li neża' minn ħwejġu, ħalla dar missieru u għażel li



*Fr Philip Cutajar flimkien mal-Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika, il-Kardinal Franc Rodè matul l-Assamblea Ġeneral tal-CLAR (Konferenza tal-Ħajja Reliġjuża Latin-Amerikana) li saret f'Ġunju tas-sena 2006.*

jgħix il-faqar Evanġeliku sabiex isewwi lill-Knisja li kienet qed tiġġarraf.

Quddiem dawn l-għażliet profetiċi li r-reliġjużi fl-Amerika Latina qegħdin iwettqu ma jistax ma jkollhomx riperkussjonijiet kemm ma' l-awtoritajiet ċivili u xi drabi wkoll ekklesjastiċi. Min jagħmel dawn l-għażliet isir ta' theddida kontinwa għall-gvernijiet korrotti u li jabbużaw mill-poter. Min b'kuraġġ joħroġ jipprotesta fil-beraħ u pubblikament jixli lil min iwettaq inġustizzji kontra l-fqar, lill-Ġerarkija tal-Knisja jippreokkupaha. Il-Knisja f'Ruma tibża' mill-ħajja reliġjuża fl-Amerika Latina. Però meta għad tinkiteb l-istorja tal-ħajja reliġjuża fl-Amerika Latina żgur li għad iridu jinkitbu paġni tad-deheb dwar is-sehem tar-reliġjużi fid-difiża għall-fqar, għall-indiġeni u għall-imwarrbin – hekk kif diġà hemm paġni mill-isbaħ fl-istorja tas-sehem attiv u qawwi tar-reliġjużi fl-Evanġelizzazzjoni ta' dan il-kontinent.

Il-Mulej ikompli jbierek u jkattar is-sehem profetiku li r-reliġjużi qegħdin iwettqu fil-kontinent Latin Amerikan. Il-Mulej ikompli jbierek mis-sema lil dan il-poplu li tant qed ibati minħabba fl-inġustizzji, fil-vjolenza, fil-kilba u l-abbuż tal-poter. Poplu mogħni b'fidi qawwija, imma li huwa għaddej minn kalvarju ta' tbatijet. Agħmel, Mulej, li jisbaħ għal dan il-ġens Latin Amerkan jum il-GĦID... jum il-ħelsien mill-ktajjen ta' l-oppressjoni ħalli jgħix fil-ħelsien sħiħ. Ibgħat aktar ħaddiema sabiex f'ismek ikunu, bħaċ-Ċirinew u bħas-Samaritan it-tajjeb, li jgħinu lil dan il-poplu jagħraf ir-rieda t'Alla bit-tama li jesperjenza r-redenzjoni u l-qawmien. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' min

1. Dan waqa' mit-tieqa u weġġa'. (2 Slat 1,2)
2. Min niżżel darbtejn in-nar mis-sema? (2 Slat 1,10-12)
3. Tejjeb l-ilma ħażin bil-melħ. (2 Slat 2,21)
4. Qabad lill-qaddejja ta' David u qaxxrilhom il-leħja. (1 Kron 19,4)
5. Min kellu erbgħa u għoxrin saba'? (1 Kron 20,6)
6. Xewwex lil David biex jgħodd lil Iżrael. (1 Kron 21,1)
7. L-iktar sultan li kellu għerf, għana u glorja. (2 Kron 1,21)
8. Salamun xtara l-injam min għandu. (2 Kron 2,7)
9. Ġiet mill-bogħod biex tisma' lil Salamun. (2 Kron 9,1)
10. Dan ta l-ħelsien lill-poplu Lhudi. (Esd 1,1-3)
11. Min eżilja lil-Lhud fil-Babilonja? (Esd 2,1)
12. Dan is-sultan waqqaf il-bini tat-tempju. (Esd 4,21-24)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' Awissu/Settembru hija: Yvonne Savona Ventura – San Ġwann. Nifirħulek!**

# TISLIBA - 75



1. hekk ikunu l-ħżiena. (Mal 3,19) **(5)**
2. Qum *għaġġel.* (Atti 12,7) **(6)**
3. Tbiddlet il-bixra tiegħu. (Dan 3,19) **(5)**
4. Alla jieqaf lil dan, Ġak 4,6) **(5)**
5. *Akat ħelwa* mill-inbid. (Għan 1,2) (Apk 1,8) **(4)**
6. Qiegħed jagħti l-... u jikber. (Kol 1,6) **(5)**
7. U dan ħafna. (Lq 9,22) **(5)**
8. Imwieġ qliel tiegħu. (Ġuda 13) **(5)**
9. Missier Ħosegħa. (2 Slat 17,1) **(3)**
10. Hekk għamilt lil ħwejġi. (Esd 9,3) **(7)**
11. u 12. Jgħidulu l-Ġebusi. (2 Sam 24,16) **(6)**
13. Hekk terġa' lura. (Ġdt 12,9) **(6)**
14. ...ħossok fil-ġnien. (Gen 3,10) **(5)**
15. U... mhux biss għażżiena. (1 Tim 5,13) **(5)**
16. Din aħfruhieli. (2 Kor 12,13) **(5)**
17. Ħelkat, Ħali, Beten, ... (Ġoż 19,25) **(5)**
18. Minn fejn kien Mikea. (Mik 1,1) **(7)**
19. Ġiebu din fuq platt. (Mt 14,11) **(4)**
20. ... li kien mill-bidu. (1 Ġw 1,1) **(3)**
21. Kien iebes dan. (Lam 1,3) **(5)**
22. Alla ma jagħmilx hekk ma' l-Anġli. (Ġob 15,15) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWISSU/SETTEMBRU:**
***1. Ħidma; 2. Tarraf; 3. Tkunu; 4. Gaġġa; 5. Alfa; 6. Itlaq; 7. Iżakk; 8. Allat; 9. Mur; 10. Naġġara; 11. u 12. Sfafar; 13. Armata; 14. Aktar; 15. Inkun; 16. Ninwe; 17. Blata; 18. Kolonni; 19. Liġi; 20. Mal; 21. Anġlu; 22. Witat.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħ ta' Awissu/Settembru hija: Monica Muscat – San Ġiljan. Nifirħulek!**

# THOMAS POND

Thomas Pond kien nobbli Ingliż. Kien wieħed mill-ħbieb l-aktar ta' ġewwa tar-Reġina Eliżabetta I. Ir-reġina kienet bint is-Sultan Enriku VIII, dak li kien fired l-Ingilterra mill-Knisja Kattolika u qalibha għall-Prostestantiżmu. Kienet reġina kbira bil-kobor li bih tqis id-dinja, imma għamlet ħsara kbira lill-Knisja u xerrdet id-demm ta' ħafna martri. L-iktar li kien magħruf iż-żagħżugħ nobbli Thomas Pond fil-qorti tar-reġina kien bħala ballerin. Ħadd ma kien jgħaddih f'din l-arti. Kien jaf jiżfen b'ħeffa u b'eleganza li kienu jgħaġġbu lil kulħadd. Ir-reġina kienet titgħaxxaq bih.

Darba kien hemm ballu kbir fil-palazz irjali. Kien hemm mistiedna l-aqwa nobbiltà ta' l-Ingilterra. F'okkażjoni bħal din ma setax jonqos il-ħabib tar-reġina Thomas Pond. Kien wieħed fost l-ewwel mistednin. Din kienet festa fejn seta' juri il-kapaċità tiegħu bħala żeffien u jiġbed fuqu l-ammirazzjoni tar-reġina u tal-mistednin kollha. U Thomas ma baqax lura għax kien iħobb jidher. Kienet ir-reġina stess li talbitu joħroġ fin-nofs u juri lil kulħadd kif il-fama li kellu bħala wieħed mill-aqwa ballerini



tal-Qorti Rjali ma kinetx fama taparsi. Huwa ħareġ fin-nofs minnufih u beda jiżfen. Żifen waħda miż-żifniet l-aktar diffiċli, fejn, fost affarijiet oħra, kellu jibqa' jdur bħal żugraga, dejjem wieqaf fuq sebgħu l-kbir ta' sieq waħda. Kulħadd baqa' ċċassat quddiem dik il-ħeffa hekk ta' l-għaġeb, u malli waqaf, kulħadd infexx f'ċapċip u għajat ta' ammirazzjoni.

Ir-reġina bdiet tgħollih m'għola s-sema bil-kliem ta' tifħir li qaltlu u talbitu biex jerġa' jiżfinha. Thomas Pond reġa' ħareġ f'nofs is-sala mimli bih in-nifsu għall-pjaċir li kien qed jagħti lir-reġina. Reġa' beda jiżfen u jdur fuq il-ponta ta' sebgħu l-kbir ta' siequ l-leminija b'dik l-istess ħeffa li kien wera qabel. Kien kważi wasal fl-aħħar u kulħadd kien lest biex jagħtih ċapċipa aktar qawwija minn ta' qabel meta f'daqqa waħda storda, wiċċu sar abjad karti, instabat għal tulu fl-art u ġie sewwa sew fejn riġlejn ir-reġina. Flok applaws minn dawk ta' madwaru ħarġet daħka kbira. Thomas, iddispjaċut, refa' għajnejh lejn ir-reġina biex għall-inqas minn għandha jkollu sinjal ta' mogħdrija.

Imma r-reġina xeħtet fuqu ħarsa qalila ta' stmerrija, u b'daqqa ta' sieq fuq ġenbu, qaltlu, **"Qum minn hemm, ja biċċa ta' baqra,"** u tbiegħdet minn fejnu. Thomas ried l-art tibilgħu, qam bil-mod, dar kemmkemm lejn Ir-reġina u qal minn taħt l-ilsien, **"Hekk tintemm il-glorja tad-dinja."** Malajr warrab minn dik is-sala; ftit wara tbiegħed ukoll minn Londra. Inġabar fil-kastell tiegħu u fil-kwiet seta' jintebaħ kemm m'għandhomx sens il-frugħat tad-dinja. Ħa riżoluzzjoni biex jagħmel minn kollox ħalli jpatti għal dnubietu u jingħata kollu kemm hu għas-servizz t'Alla. Daħal Ġiżwita fejn għal tletin sena sħaħ għex ħajja l-iktar qaddisa.

Il-Mulej biss dejjem japprezza ix-xogħol li nagħmlu għalih għax hu jħobbna dejjem anki jekk midinbin kbar u jistenniena biex insiru ħbieb tiegħu. •




**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**